# KUMMISSJONI DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA

# KUMMISSJONI DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA

**Rapport Annwali**

**Marzu 2009 - Frar 2010**

# Werrej

**Messaġġ** **9**
**Daħla** **11**

**1. Introduzzjoni** **13**
1.1.1 Membri tal-Kummissjoni 14
1.1.2 Uffiċċju tal-Kummissjoni 17
1.2 Sommarju tax-xogħol 17
1.2.1 Laqgħat tal-Kummissjoni 17
1.2.2 Is-Sottokumitati mwaqqaf mill-Kummissjoni 18
1.2.3 Kumitati oħra 19
1.3 Attivitajiet lokali 19
1.4 Xogħol ieħor 21
1.4.1 Xogħol Internazzjonali 21
1.4.2 Proġetti 21
1.5 Finanzi 22

**2. Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni dwar il-Vjolenza Domestika** **23**
2.1 Miżuri legali u ta' politika 23
2.2 Sapport u protezzjoni lill-vittmi 25
2.3 Ġbir ta' *Data* 29
2.4 Tkabbir ta' Konoxxenza 30

**3. Tkabbir ta' Konoxxenza** **33**
3.1 Preżentazzjonijiet 33
3.2 Komunikazzjoni mal-Ġudikatura u mal-Qrati 33
3.3 Tkabbir ta' konoxxenza: il-Pubbliku 34
3.4 Websajt 35

**4. Żvilupp tas-Servizz u tal-Linji ta' Politika** **37**
4.1 Laqgħa mas-Sur Frans Borg, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Politika Soċjali 37
4.2 Laqgħa mas-Sur Joe Ebejer, Kummissarju dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni 37
4.3 Laqgħa ma' Dr Therese Cachia Commodini, President Organizzazzjoni għall-Promozzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem (Malta) u s-Sinj Philippa Arrigo 38
4.4 Laqgħa mal-Aġenzija msemmija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u/jew ta' kura għall-vittmi u awturi ta' vjolenza domestika 38
4.5 Reviżjoni tal-liġi dwar il-vjolenza domestika 39
4.6 Kuntatt ma' entitajiet oħra 39
4.6.1 Kuntatt mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika 39
4.6.2 Kuntatt mal-Fondazzjoni *Richmond* 40
4.6.3 Kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija 40
4.6.4 Kuntatt mal-*Jesuits Refugee Services* 40

**5. Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u Proġetti Internazzjonali 41**
5.1 Fond Soċjali Ewropew 41
5.1.1 FSE 3.43 *Dignity for Domestic Violence Survivors* 41
5.1.2 *Care Creates Change* 42
5.1.3 *Economic Empowerment for Victims of Domestic Violence* 42
5.2 Il-Programm *DAPHNE* III, 2007-2013 42
5.2.1 Laqgħat tad-*DAPHNE* 42
5.2.2 Applikazzjoni ta' Malta 43
5.3 Grundtvig 3 43
5.4 Kunsill tal-Ewropa 44
5.4.1 Laqgħat tal-Kumitati dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda tal-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika 44
5.4.2 Laqgħa mal-konsulent għall-Kunsill tal-Ewropa 44
5.5 Unjoni Ewropeja 44
5.5.1 Laqgħa mal-Assistenta dwar il-Politika tal-Viċi-President tal-Unjoni Ewropeja 44
5.5.2 Konferenza dwar il-Miżuri u l-Istrateġiji sabiex tiġi Miġġielda l-Vjolenza tal-Irġiel kontra n-Nisa 44
5.5.3 Seminar dwar il-Vittmi 45
5.5.4 Laqgħa msejħa mill-Ambaxxatriċi Spanjola 45
5.5.5 2010 Is-Sena Ewropeja sabiex tiġġieled il-Faqar u l-Eskluzzjoni Soċjali 45
5.6 WAVE *Women against violence Europe* 46
5.7 Kwestjonarji 46
5.7.1 Kwestjonarju dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa min-Nazzjonijiet Uniti 46
5.7.2 Kwestjonarju tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 47
5.7.3 Kwestjonari tal-Kunsill tal-Ewropa 47
5.7.4 Kwestjonarju tal-*Euromed* 47
5.7.5 Kwestjonarju tal-Pjan ta' Azzjoni tal-*Commonwealth* dwar l-Ugwaljanza tas-Sessi 2005-2015 47
5.7.6 Rapporti tal-Grupp ta' ħidma tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja dwar mistoqsijiet soċjali 47

**6. Riċerka u Statistika 49**

**7. Konklużjoni 51**

**Appendiċi A 52**
**Appendiċi B 53**
**Appendiċi Ċ 56**
**Appendiċi D 59**
**Appendiċi E 60**
**Appendiċi F 62**
**Appendiċi Ġ 64**
**Appendiċi Ħ 66**

# Messaġġ



Sa mit-twaqqif tagħha fl-2006 bis-saħħa tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika, l-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika dejjem wettqet proġetti u inizjattivi, li juru ir-realtajiet ħorox tal-vjolenza domestika. Permezz ta' dawn il-proġetti u inizjattivi qed titqajjem kuxjenza fis-soċjetà Maltija dwar is-sofferenzi soċjali tal-vjolenza domestika. Indubjament, ingħatat attenzjoni kbira sabiex jiġi provdut servizz ta' sapport u protezzjoni lill-vittmi ta' vjolenza domestika permezz ta' tim multi-dixxiplinarju ta' professjonisti dedikati.

Il-vjolenza domestika hija offiża kontra id-dinjità umana. Il-vjolenza domesitka mhiex marbuta ma xi klassi soċjali jew ekonomika u hekk hi trattata fil-qafas legali dwar il-vjolenza domestika, li jinkludi l-Att dwar il-Vjolenza Domestika, il-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi Kriminali. Fi żgur, it-twaqqif tas-Sottokumitat dwar l-Aspetti Legali mill-Kummissjoni ser ikun għodda sabiex tiġi riveduta l-liġi fejn tidħol il-vjolenza domestika. Il-membri vulnerabbli tal-familja, bħalma huma t-tfal u l-anzjani, jkunu wkoll xi drabi vittmi ta' vjolenza domestika li jsofru l-abbuż fis-silenzju u li jixirqilhom il-protezzjoni u s-sapport xieraq. Illum ġie stabbilt qafas ta' servizzi li jsaħħu l-prospetti ta' dawk il-vittmi li jridu jaħarbu mill-kruha u l-indinjità tal-vjolenza domestika.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Vjolenza Domestika jagħti dettalji ta' programm olistiku għal reat multidimensjonali filwaqt li l-proġett tal-Fondi Soċjali Ewropej *'Dignity for Domestic Violence Survivors'* huwa mmirat sabiex jagħti forza lill-vittmi tal-vjolenza domestika u jgħinhom sabiex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Dan il-proġett ser iwassal sabiex jiġu żviluppati pjanijiet koordinati li jinkludu protokoli għas-setturi nvoluti f'dan il-qasam.

Ir-ringrazzjamenti sinċiera tiegħi jmorru għall-membri kollha tal-Kummissjoni, li qegħdin jaħdmu bla heda sabiex jkollna ħajja ħielsa minn kull abbuż. Nirringrazzja lill-professjonisti l-oħra kollha li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika. Huwa biss permezz ta' koordinazzjoni u kollaborazzjoni sħiħa li nistgħu niġġieldu kontra kull forma ta' vjolenza domestika u nassiguraw futur aħjar għal dawn il-vittmi.

**Dolores Cristina**
**Ministru għall-Edukazzjoni, x-Xogħol u l-Familja**

**Daħla**



Għal darb'oħra qed nerġa' nikteb dawn il-ftit kliem għad-daħla tar-rapport Annwali 2009-2010. Din is-sena reġgħet kienet mimlija b'xogħol, attivitajiet, avvenimenti u aktar li bil-mod il-mod kollha jwassluna, pass wara l-ieħor, għall-għan tagħna. Mingħajr ma ndoqq it-trombi tal-Kummissjoni, nħoss li meta tqis il-ftit riżorsi li għandna, mexxejna tajjeb ħafna.

Din is-sena tagħlaq l-ewwel sena mit-tieni terminu tagħna u għalhekk imissna, u żgur li qegħdin, naraw il-frott ta' dak li sar, kif jidher aktar 'l isfel. Għal darb'oħra rrid mill-qalb nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kummissjoni, inkluż lis-segretarja tagħna li taħdem bla heda, għax-xogħol u s-sapport tagħhom matul din is-sena. Filwaqt li ħafna drabi xtaqna li kellna aktar riżorsi umani sabiex inwettqu x-xogħol tagħna, dawk li kellna għamlu l-almu kollu tagħhom, dejjem skont iċ-cirkustanzi individwali tagħhom, biex jagħtu dak li jistgħu meta jkunu jistgħu. Dan ir-rapport mimli bil-frott tax-xogħol tagħna huwa riżultat ta' dan. Grazzi wkoll għandu jmur għall-aġenziji u l-individwi li jikkollaboraw magħna. Fl-għaqda ta' bejnietna dejjem sibna is-saħħa tagħna.

Din is-sena kienet iddominata mill-proġett tal-FSE, *Dignity for Domestic Violence Survivors*. Dan il-proġett ħoloq ħafna xogħol amministrattiv u, biex ngħidu kollox, frustrazzjoni wkoll, għall-Kummissjoni. Filwaqt li kien importanti ħafna għaliex bis-saħħa ta' dawn il-fondi setgħu jitwettqu d-diversi attivitajiet, kif hemm immiżżel fir-rapport aktar 'l isfel, dan ried jitħallas prezz għoli għalih. U dan ġie mħallas u nibqgħu nħallsuh, kif naħseb ħafna organizzazzjonijiet żgħar li jirċievu fondi bħal dawn ikollhom jagħmlu. Jekk jinstab metodu aħjar kif issir dan, żgur li jkun ta' benefiċċju għall-qasam soċjali ta' pajjiżna, u għall-ġid ta' dawk li jaħdmu fis-settur.

Għalkemm dan ir-rapport jwassal biss sal-aħħar ta' Frar 2010, huwa filfatt Ottubru 2010 meta qed nikteb dan... U għalkemm huwa, bħal dejjem, bi pjaċir li qed nikteb dawn il-ftit kliem, iżda din id-darba huwa b'xi ftit dwejjaq ukoll, minħabba li dan huwa l-aħħar rapport annwali li ser inkun qed nippreżenta bħala ċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Sfortunatament minħabba l-pressjoni ta' xogħol, ħassejt li kelli nirreżenja, kemm għal saħħti fiżikament u mentalment, kif ukoll għal ġid tas-settur, u dan minkejja li ħallejt nofs qalbi warajja. Jiena għalhekk irrid ukoll nuża din id-daħla sabiex nawgura lis-suċċessur tiegħi, s-Sinj Joanna Xuereb, u lill-kollegi tiegħi ta' dawn l-aħħar ftit snin. Nawgura li l-Kummissjoni, bil-għajnuna tal-kollaboraturi kollha tagħna, tkompli tagħmel il-ġid għan-nisa u għal dawk kollha li jkunu għaddew minn esperjenza ta' vjolenza domestika.

**Dr Marceline Naudi**
***Chairperson***

# 1. Introduzzjoni

### 1.1 Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika u x-Xogħol tagħha

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika ġiet mwaqqfa bl-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika, Kapitlu 481 fl-1 ta' Marzu 2006[1]. Ir-rwol ewlieni tal-Kummissjoni huwa dak li tagħti parir lill-Ministru responsabbli għall-politika soċjali fuq kull aspett tal-vjolenza domestika. Fil-liġi, l-vjolenza domestika hija mfissra bħala kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.

Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika huma stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-imsemmi Att Dwar il-Vjolenza Domestika, kif indikat hawn taħt.

"Il-Kummissjoni għandu jkollha l-funzjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kull aspett tal-vjolenza domestika u b'mod partikulari fuq:

(*a*) it-tkabbir tal-konoxxenza u l-għarfien tal-vjolenza domestika u dwar il-fastidju u l-konsegwenzi li dawn iġibu u fuq il-modi u l-miżuri biex jitnaqqas l-għemil tagħhom;
(*b*) oqsma ta' vjolenza domestika li hu meħtieġ jew mixtieq li ssir riċerka fuqhom;
(*c*) l-istrateġiji biex tiġi esposta l-vjolenza domestika u biex jiġi ffaċilitat l-intervent ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' vittmi u awturi ta' vjolenza bħal dik;
(*d*) l-edukazzjoni tal-pubbliku fuq l-aspetti kollha tal-vjolenza domestika;
(*e*) il-modi kif tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati li jkunu involuti fit-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza domestika;
(*f*) *standards* għal faċilitajiet ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati;
(*g*) *standards* u protokolli għall-operaturi;
(*h*) il-proċeduri għall-koordinament effettiv f'livell nazzjonali tal-attivitajiet ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati mqabbdin fl-għoti ta' servizzi dwar materji ta' vjolenza domestika inklużi servizzi ta' sostenn;
(*i*) pjan komprensiv u koordinat għall-ġbir ta' informazzjoni dwar vjolenza domestika biex din tintuża mill-qrati, prosekuturi, uffiċjali għall-infurzar tal-liġi, operaturi tal-kura fis-saħħa, operaturi soċjali u aġenziji u entitajiet oħra b'mod li tiġi protetta l-identità tal-vittmi ta' vjolenza domestika;
(*j*) l-iżvilupp ta' pjan komprensiv għal programm multidixxiplinarju ta' prevenzjoni attiva u ta' intervent kmieni;
(*k*) it-taħriġ speċjalizzat għall-gruppi professjonali involuti; u
(*l*) il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti oħra.

Iċ-Chairperson u l-membri tal-Kummissjoni huma responsabbli li jagħtu pariri lill-Ministru fuq it-termini ta' referenza.

1 Jista' jkun hemm aċċess tal-Liġi fuq www.domesticviolence@gov.mt

### 1.1.1 Membri tal-Kummissjoni

Il-membri ta' qabel tal-Kummissjoni reġgħu ġew appuntati għal terminu ta' tliet snin oħra li jagħlaq fis-27 ta' Frar 2012. Ġie appuntat ukoll membru ieħor fuq il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni hija għalhekk komposta minn *chairperson* u seba' membri. Il-membri komplew issaħħu l-Kummissjoni u x-xogħol tagħha bil-kompetenzi tagħhom u l-esperjenza li tvarja minn esperjenza diretta fuq il-post tax-xogħol għal-linji ta' politika, provvediment tas-servizzi, ippjanar u riċerka. B'hekk kompla t-tagħlim minn dan il-qasam u minn xulxin. Permezz tal-membru l-ġdid, il-Kummissjoni tista' issa toħloq kuntatti diretti mas-settur tas-saħħa. Bħas-snin ta' qabel, Għawdex kien ukoll irrappreżentat sabiex ikun żgurat li tiġi ndirizzata l-qagħda speċifika tiegħu.

Il-Kummissjoni bdiet is-sena, u t-terminu tagħha b'dawn il-membri, li kollha għadhom preżenti fl-aħħar tas-sena:



Dr Marceline Naudi Ph.D.(Manchester), M.A.(Bradford), B.A.

Dr Marceline Naudi ilha nvoluta fil-qasam tal-vjolenza domestika f'Malta għal ħafna snin. Hija ilha *chairperson* tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika sa minn Diċembru 2006. Il-professjoni tagħha hija bħala ħaddiema soċjali, b'ħafna esperjenza f'dan il-qasam, f'Malta, f'Ingilterra u fl-Irlanda. Hija lekċerer fix-Xogħol Soċjali fl-Università ta' Malta. Il-qasam ta' interess akkademiku tagħha jinkludi l-vjolenza domestika u l-ugwaljanza bejn il-mara u r-ragel, kif ukoll l-prattika *anti-opressive*, b'mod aktar ġenerali li jinkludi l-aspetti ta' razza, ta' diżabilità u orjentazzjoni sesswali. Hija rappreżentat lil Malta f'diversi fora fl-UE u fil-Kunsill tal-Ewropa fejn tidħol il-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa.



Ms Maria Attard M.A.T.C.

Il-professjoni ta' Maria Attard hija għalliema. Hija ilha attiva fil-qasam soċjali f'Għawdex għal ħafna snin u fil-preżent hija d-Direttur ta' Dar Gużeppa Debono, li hija dar għall-tfajliet ommijiet f'Għawdex. Hija ilha membru tal-Kummissjoni sa minn meta twaqqfet fl-2006. Hija kienet ir-rappreżentat lil-Kummissjoni fl-laqgħa Internazzjonali tal-WAVE li kienet saret l-Awstrija fl-2009. Hija pparteċipat f'diversi laqgħat tas-sottokumitat dwar l-iżvilupp tas-servizzi iżda issa ser tkun parti mis-sottokumitat dwar tkabbir ta' konoxxenza.



Dr Albert Bell Ph.D.), M.A., B.A (Hons.), B.A. (Gen.).

Dr Albert Bell huwa soċjologu u jagħti lekċers fid-Dipartiment taż-żgħażagħ u l-Istudji tal-Kommunità fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, fl-Università ta' Malta. Huwa kellu karigi diversi fil-qasam tal-ħarsien soċjali u l-ġustizzja kriminali. Fil-preżent huwa membru fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-ħarsien Soċjali u ċ-*Chairperson* tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES). Huwa kien jippresedi s-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u l-Ġbir ta' *Data* tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika sa minn meta twaqqaf mill-Kummissjoni. L-interessi tiegħu fir-riċerka jinkludu s-sottokultura taż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ u l-politika soċjali, it-teorija soċjoloġika, l-vizzji, l-għemil anti-soċjali taż-żgħażagħ, il-ġustizzja taż-żgħażagħ, *social deviance* u l-inġiba kriminali.



Inspector Louise Calleja Dip in Mngt. Studies, MBA (Grenoble)

L-Ispettur Louise Calleja għandha *Diploma* fl-Istudju tal-*Management* mill-Università ta' Malta u *Masters degree in Business Administration* mill-*Grenoble Graduate School of Business* (GGSB). Hija ilha membru tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika sa minn Jannar 2007 u fil-preżent qed tippresedi it-*task group* dwar it-twaqqif tat-tim ta' rispons dwar attakk sesswali (SART).

L-Ispettur Calleja daħlet fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta fl-1988, u ilha nvoluta b'mod attiv fil-qasam tal-vjolenza domestika sa mill-1999, wara li laħqet Spettur tal-pulizija. Hija tagħti lekċers fuq il-vjolenza domestika fl-Akkademja tal-Pulizija.



Dr Taygeta Firman M.D.

Sa mill-1985, il-professjoni ta' Dr Taygeta Firman kienet ta' tabib mediku u fil-preżent qegħda taħdem fil-*Public Health Regulation Division*. Hija ħadmet f'diversi oqsma li jinkludu l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni fis-servizzi tas-saħħa pubblika u l-kura tas-saħħa. Fl-2005, hija kisbet ukoll *Master of Business Administration (Henley Management College)*. Hija ilha membru tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika għal din l-aħħar sena u hija kienet ukoll innominata bħala l-*focal point* għall-WHO dwar il-vjolenza f'Malta.



Sr Joan Garner RGS. MQR.

Sr Joan Garner twieldet Malta fl-1943. Hija daħlet mas-Sorijiet tal-Bon Pastur fl-1964. Hija ħadmet fl-Appostolat tas-sorijiet tal-Bon Pastur għal dawn l-aħħar tlieta u erbgħin sena, maż-żgħażagħ u l-familji bi problemi soċjali, kif ukoll in-nisa li esperjenzaw il-vjolenza domestika. Hija damet tmexxi Dar Merħbabik, xelter għan-nisa li għaddew minn espejenza ta' vjolenza domestika, għal bosta snin. Ilha membru tal-Kummissjoni sa mit-twaqqif tagħha fl-2006 u pparteċipat fil-laqgħat tas-sottokumitat ta' tkabbir ta' konoxxenza.



Dr Roberta Lepre' B.A., LL.D

Dr Roberta Lepre' hija avukata bl-interess speċjali fl-aspetti umani u l-implikazzjonijiet ekonomiki relattivi tagħhom. Wara li telqet mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, minn fejn hija kisbet esperjenza f'diversi setturi li jinkludu pariri legali u analiżi, l-iżvilupp ta' politika u l-implimentazzjoni u l-maniġment ta' proġett tal-UE, hija waqfet il-*Weave Consulting*. Din hija kumpanija li tipprovdi servizzi ta' konsultazzjoni u taħriġ fl-Ugwaljanza, l-Maniġment ta' Diversità, l-*Corporate Social Responsibility* u Fondi tal-UE.

Barra minn hekk, hija wkoll Direttur tal-*Victim Support Malta*, organizzazzjoni mhux governativa li tipprovdi sapport lill-vittmi ta' reati, li jinkludi vittmi ta' serq u ta' serq bi żgass, ta' vjolenza domestika u ta' abbuż sesswali. Hija ilha membru tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika sa mit-twaqqif tagħha fl-2006, u tippresedi wkoll is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza.



Mr Cornelius Mulvaney Dip.Family Therapy (UK); CQSW (UK)

Is-Sur Cornelius Mulvaney twieled Malta fl-20 ta' Marzu 1049, miżżewweġ b'erbat itfal u nannu ta' erba' oħra. Għal aktar minn disa' u għoxrin sena ħadem bħala ħaddiem soċjali, l-maġġor parti tagħhom fis-settur tas-saħħa. Dawn kienu jinkludi numru ta' snin fil-qasam psikjatriku fejn ikontribwixxa sabiex jitwaqqfu iċ-*child's guidance clinic* u il-*young persons' unit*, kif ukoll sabiex titwaqqaf il-*family therapy unit,* wara li għamel kors ta' sena fl-Ingilterra u kiseb *Diploma in family therapy*. Huwa ħadem ukoll għal sena fiċ-*child protection services* tal-Aġenzija Appoġġ u għal dawn l-aħħar għaxar snin għadu involut fil-ħidma soċjali ġewwa l-Isptar Boffa bl-ispeċjalizzazzjoni fil-kura u t-trattament tal-kanċer.

Huwa ilu membru tal-Kummissjoni sa mit-twaqqif tagħha fl-2006 u ppparteċipa wkoll fil-laqgħat tas-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi.

Il-Kummissjoni hija wkoll megħjuna mis-Sinj Doris Vassallo, DPA, li twettaq il-funzjoni ta' segretarja tal-Kummissjoni. Hija bdiet taħdem mas-servizz pubbliku fl-1988 u fil-preżent hija is-segretarja tal-Arbitru fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xogħol u l-Familja. Hija għandha *Diploma in Public Administration* mill-Università ta' Malta. Ilha segretarja tal-Kummissjoni u s-sottokumitati sa mit-twaqqif tagħhom fl-2006.

### 1.1.2 Uffiċċju tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għad għandha l-uffiċċju tagħha f'żewġt ikmamar fi Blokk C Beltissebh il-Furjana. Waħda mill-kmamar isservi bħala l-uffiċċju amministrattiv filwaqt li l-kamra l-oħra tintuża bħala librerija. Il-Kummissjoni kompliet tiġbor films, kotba, teżijiet, rapporti u dokumenti relevanti oħra għal din il-Librerija. Id-dokumenti kollha ġew iddokumentati bl-intenzjoni li l-librerija tibda tinfetaħ kull ġimgħa minn Marzu 2010 bħala librerija ta' referenza għal dawk li jeħtieġu informazzjoni dwar il-vjolenza domestika. Il-Kummissjoni kompliet ukoll tirranġa l-uffiċċju tagħha skont il-ħtieġa.

## 1.2 Sommarju tax-xogħol

### 1.2.1 Laqgħat tal-Kummissjoni

Bejn Marzu 2009 u Frar 2010, il-Kummissjoni iltaqgħet ħdax il-darba, kif ġej:

| | Data | Attendenza |
|---|---|---|
| Laqgħa 03/09: | It-Tlieta, 17 ta' Marzu 2009 | 7/8 |
| Laqgħa 04/09: | It-Tlieta, 14 ta' April 2009 | 7/8 |
| Laqgħa 05/09: | Il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2009 | 7/8 |
| Laqgħa 06/09: | Il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2009 | 4/8 |
| Laqgħa 07/09: | It-Tlieta, 28 ta' Lulju 2009 | 5/8 |
| Laqgħa 08/09: | It-Tlieta, 01 ta' Settembru 2009 | 5/8 |
| Laqgħa 09/09: | Il-Ġimgħa, 09 ta' Ottubru 2009 | 6/8 |
| Laqgħa 10/09: | It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2009 | 7/8 |
| Laqgħa 11/09: | Il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru 2009 | 5/8 |
| Laqgħa 01/10: | Il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2010 | 6/8 |
| Laqgħa 02/10: | Il-Ġimgħa, 19 ta' Frar 2010 | 7/8 |

Kull laqgħa damet bejn sagħtejn u tliet sigħat. Il-maġġoranża tal-laqgħat saru fi Blokk C, Beltissebħ, il-Furjana, filwaqt li dik ta' Ġunju 2009 saret f'Dar Gużeppa Debono f'Għajnsielem, Għawdex.

### 1.2.2 Is-Sottokumitati mwaqqaf mill-Kummissjoni

Matul din l-aħħar sena, il-Kummissjoni laqqgħet id-diversi sottokumitati u gruppi li waqfet, kif jidher aktar 'il quddiem f'dan ir-rapport. Dawn jinkludu:

- Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz[2] - dan is-sottokumitat hu magħmul minn ħaddiema f'dan il-qasam li jirrappreżentaw lid-diversi entitajiet li jipprovdu s-servizzi. Dan is-sottokumitat jiltaqa' regolarment sabiex jiddiskuti l-oqsma dwar l-istandards, il-prattika, il-problemi u s-soluzzjonijiet. Dan is-sottokumitat iltaqa' ħames darbiet f'dan il-perjodu.

- Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir ta' *Data*[3] - dan is-sottokumitat hu magħmul minn rappreżentanti mis-sezzjonijiet dwar ir-riċerka/*data* minn diversi entitajiet u Ministeri li jmissu mal-qasam tal-vjolenza domestika. F'dan il-perjodu, is-sottokumitat iltaqa' seba' darbiet, kif ukoll iltaqa' darb'oħra f'laqgħa Ad Hoc.

- Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza[4] - dan is-sottokumitat reġa' beda jiltaqa' f'Awwissu 2009 u hu magħmul minn rappreżentanti mill-uffiċċju tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Ministeru tal-Politika Soċjali u mill-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali (l-aġenzija msemmija). Matul dan il-perjodu, s-Sottokumitat iltaqa' tliet darbiet.

- Il-Grupp dwar il-Programm *DAPHNE*[5] - dan il-grupp hu magħmul minn rappreżentanti minn diversi entitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-vjolenza domestika, li kienu nteressati u eliġibbli sabiex japplikaw għall-Fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt il-programm *DAPHNE* III. Il-grupp ġie mwaqqaf sabiex jiffaċilità l-proċess biex issir applikazzjoni waħda. Dan il-grupp waqaf jiltaqa' f'Mejju 2009 wara li ntbagħtet l-applikazzjoni għall-fondi.

- *Task group* dwar is-Seminar[6] - grupp *Ad Hoc* tall-Kummissjoni iltaqa' diversi drabi sabiex jorganizza l-elementi prattiċi tas-seminar li sar f'Novembru 2009.

- *Task group* dwar tim ta' rispons dwar attakk sesswali(SART)[7] - dan it-*task group* ġie mwaqqaf f'Mejju 2009. Ir-rappreżentanti f'dan il-grupp ġejjin mill-entitajiet ewlenin u qed jaħdem lejn il-possibbiltà li jitwaqqaf tim ta' rispons dwar attakk sesswali li jkun effettiv u sensitiv għal din il-problema u li jkun jopera mill-Isptar Mater Dei. It-*Task group* iltaqa' għaxar darbiet matul dan il-perjodu ta' rappurtar.

B'kollox saru tmienja u tletin laqgħa matul is-sena li jikkonċerna dan ir-rapport, u kienu jinvolvu erbgħin persuna differenti.

2 Ara rapport tas-Sottokumitat Appendiċi B
3 Ara rapport tas-Sottokumitat Appendiċi Ċ
4 Ara rapport tas-Sottokumitat Appendiċi D
5 Għar-rapport dwar *Daphne Group* ara Appendiċi E
6 Għar-rapport tas-Seminar ara Appendiċi F
7 Għar-rapport dwar is-SART ara Appendiċi Ġ

### 1.2.3 Kumitati oħra

Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tkun parti mill-*Platform for Children* li ġiet mwaqqfa mill-Kummissarju tat-Tfal. Din tiġbor flimkien l-organizzazzjonijiet diversi li jaħdmu mat/għat-tfal sabiex jinħoloq kommunikazzjoni aħjar u leħen aktar b'saħħtu fl-iżvilupp tal-politika. Dr Marceline Naudi, *Chairperson* tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika ġiet mistiedna sabiex tmexxi seminar li sar fid-19 ta' Jannar 2010 f'Dar San Gużepp, Santa Venera. Sr Joan Garner attendiet ukoll għas-seminar. Il-Kummissjoni qed tkompli tkun rappreżentata fil-laqgħat tal-*Platform for Children* mis-Sinj Maria Attard u minn Sr Joan Garner.

Il-Kummissjoni kienet rappreżentata wkoll minn Dr Albert Bell fuq il-Forum għall-Familja li ġie mwaqqaf mis-Segretarju Permanenti ta' dak li kien il-Ministeru tal-Politika Soċjali. Dan il-Forum ltaqa' seba' darbiet matul dan il-perjodu. Fil-laqgħa finali li saret f'Jannar 2010, il-Kummissjoni kienet irrappreżentata mis-Sur Cornelius Mulvaney.

### 1.3 Attivitajiet lokali

Bħal fi snin preċedenti, bejn Marzu 2009 u Frar 2010, iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Kummissjoni kienu mistiedna sabiex jattendu u jipparteċipaw f'numru ta' seminars, konferenzi u attivitajiet oħra, kif jidhru hawn taħt. Il-Kummissjoni ppruvat li tkun rappreżentata minn mill-inqas membru wieħed jew aktar, inkluża s-Segretarja tal-Kummissjoni, għad-diversi attivitajiet li ġiet mistiedna li tattendi. Madankollu dan ma kienx dejjem possibbli. Il-parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet tkompli tippermetti lill-Kummissjoni biex iżżomm l-profil tagħha u tkompli tenfasizza l-importanza tal-glieda kontra l-Vjolenza Domestika f'Malta. F'dawn l-attivitajiet ukoll tinġabar informazzjoni utli, u jippermettu kommunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali.

- L-ħames Konferenza Annwali organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza li saret fil-Lukanda La Meridien, San Ġiljan nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2009 (attendew Dr Marceline Naudi, Sr Joan Garner, is-Sinj Doris Vassallo).

- Seminar organizzat mill-Kummissjoni għall-Familja dwar ir-rapport *"Family Poverty and Social Exculsion with a special emphasis on children"* ippreżentat minn Fr Charles Tabone u s-Sinj Angela Abela nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2009 (attendiet Dr Marceline Naudi).

- *"Kick-off" meeting* dwar id-demarkazzjoni ta' fondi tal-UE organizzata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru nhar il-Ħamis 9 ta' April 2009 (attendiet Dr Marceline Naudi).

- Seminar intitolat B'Kuxjenza Socjali organizzat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti li sar fil-ITS San Ġiljan nhar it-Tlieta 28 ta' April 2009 (attendew Dr Marceline Naudi u Dr Albert Bell).

- Forum ta' konsultazzjoni dwar il-*Fourth Gender Equality Action Plan* organizzat mill-Korporazzjoni Xogħol u Taħriġ fis-Sala tal-Konferenzi ETC, Hal Far li sar nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju 2009 (attendiet Dr Marceline Naudi).

- Seminar għas-*Senior Management* bl-isem "Nimxu Flimkien" dwar il-bidliet ippjanati fi ħdan is-settur tas-servizzi soċjali organizzat mis-Sur Frans Borg, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Politika Soċjali fil-Lukanda *New Dolmen*, il-Qawra nhar Tlieta 21 ta' Lulju 2009 (attendiet Dr Marceline Naudi).

- Kungress intitolat *"The role of gender equality in the small states of Europe"* organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa fil-Palace Hotel, Sliema nhar il-25 u s-26 ta' Settembru 2009 (attendiet Sr Joan Garner).

- Id-*Doha Colloqium* organizzat mill-Moviment ta' Kana nhar it-Tlieta 6 u l-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2009 (attendiet Dr Marceline Naudi).

- Konferenza organizzata mill-Fondazzjoni *Richmond* intitolata "Is-Saħħa Mentali: Sfidi Lokali" li saret fil-Grand Hotel Excelsior, il-Furjana nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru, 2009 (attendiet Dr Marceline Naudi).

- *Service Area Day* organizzata mid-*Domestic Violence Unit* tal-Aġenzija Appoġġ (parzjalment iffinanzjata mill-Kummissjoni) li saret fid-Dar tal-Irtiri San Ġużepp, ir-Rabat nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru, 2009 (attendew Dr Marceline Naudi, Spettur Louise Calleja, Sr Joan Garner, is-Sinj Maria Attard u s-Sinj Doris Vassallo).

- Laqgħa organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza sabiex jiddiskutu l-*Commonwealth Plan of Action Mid-Term review - Malta report*, li saret f'Gattard House Blata l-Bajda nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru, 2009 (attendiet Dr Marceline Naudi).

- Taħriġ dwar aspetti differenti ta' vjolenza domestika organizzat mill-Fondazzjoni għall-Ħarsien tas-Servizzi Soċjali b'kollaborazzjoni ma' WAVE li sar f'Dar San Gużepp, Sta Venera bejn it-Tlieta 24 u l-Ħamis 26 ta' Novembru 2009 ( Dr Marceline Naudi attendiet ġurnata minnhom - sfortunatament ħadd ma seta' jattendi l-ġranet l-oħra).

- Taħriġ dwar *post-traumatic stress disorder* organizzat mill-Fondazzjoni għall-Ħarsien tas-Servizzi Soċjali bħala parti mill-programm *DAPHNE* ta' *train the trainers,* li sar nhar l-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2009 fl-Uffiċċju tal-Fondazzjoni, Triq Braille, Sta Venera (attendiet Dr Marceline Naudi).

- Konferenza dwar il-Qorti tal-Familja organizzata mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern li saret f'St James Cavalier, il-Belt nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2010, u li ċ-*Chairperson* kienet mistiedna biex tkun parti minn wieħed mill-panel ta' diskussjoni.

- Konferenza Nazzjonali dwar il-familja li kienet organizzata mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Politika Soċjali li saret fil-Lukanda *New Dolmen*, il-Qawra nhar il-Ġimgħa 22 u s-Sibt 23 ta' Jannar 2010 (attendew Dr Marceline Naudi, s-Sur Cornelius Mulvaney u s-Sinj Maria Attard).

- Laqgħa ta' introduzzjoni organizzata mill-Ministru Dolores Cristina, Ministru għall-Edukazzjoni, x-Xogħol u l-Familja u Dr Christopher Bezzina, Segretarju Permanenti li saret fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, x-Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika il-Belt Valletta nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2010 (attendiet Dr Marceline Naudi).

Il-Kummissjoni kienet mistiedna wkoll għal numru ta' konferenzi u seminars oħra iżda sfortunatament ħadd ma seta' jattendi minħabba nuqqas ta' riżorsi umani.

## 1.4 Xogħol ieħor

Il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq l-għarfien, kemm mal-pubbliku ġenerali kif ukoll mal-professjonisti speċifiċi. Il-Kummissjoni kompliet ukoll taħdem fuq ir-riċerka kif ukoll fuq is-servizzi u l-iżvilupp ta' politika, kif dettaljat aktar tard fir-rapport.

Matul il-perjodu ta' rappurtar il-Kummissjoni tat mill-anqas ħames preżentazzjonijiet lil entitajiet speċifiċi u pparteċipat f'mill-inqas għaxar attivitajiet tal-midja. Dettalji ta' dawn jinsabu fit-taqsima tlieta ta' dan ir-rapport.

### 1.4.1 Xogħol Internazzjonali

Il-Kummissjoni rrappreżentat ukoll lil Malta f'fora ta' livelli varji fl-Unjoni Ewropea u fil-Kunsill tal-Ewropa. Dettalji ta' dawn jidhru aktar 'il quddiem fir-rapport (f'sezzjoni ħamsa). Iċ-*Chairperson* kienet ukoll mistiedna biex tiltaqa' ma' diversi persuni, membri ta' dawn l-oqsma waqt iż-żjarat tagħhom f'Malta.

### 1.4.2 Proġetti

Il-Kummissjoni ġiet mogħtija fondi mill-Fond Soċjali Ewropej (FSE) għall-proġett *"Dignity for Domestic Violence Survivors"*. Diġa saru diversi attivitajiet minn dan il-proġett filwaqt li hemm diversi attivitajiet oħra ppjanati (ara sezzjoni 5.1.1). Dan il-proġett jintemm f'Novembru 2011.

Il-Kummissjoni kienet involuta wkoll fil-proġetti oħra ffinanzjati mill-FSE kif ukoll saru applikazzjonijiet oħra li d-dettalji tagħhon jidhru hawn taħt.

## 1.5 Finanzi

F'Jannar 2009, il-Kummissjoni ġiet allokata baġit ta' €47,000 li minnhom tħallsu l-onorarji annwali mogħtija liċ-*Chairperson* (€2,329.37) u l-membri tal-Kummissjoni (€1,747.03 kull wieħed). Il-maġġoranza tal-flus li kien baqa' €42.923, ġew utilizzati mill-Kummissjoni għal diversi proġetti, inklużi dawn li ġejjin: seminar bil-parteċipazzjoni ta' kelliema internazzjonali; kontribuzzjonijiet sabiex jagħmel tajjeb għall-ammont użat mill-fondi li ġew mwaqqfa b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra biex jipprovdu protezzjoni tal-pulizija għall-persuni li qed jesperjenzaw vjolenza domestika meta jattendu seduti tal-Qorti u sabiex jiġi provdut appoġġ lill-ħaddiema tal-vjolenza domestika li jittrattaw ma' nisa li qed jesperjenzaw problemi ta' saħħa mentali; kotba u dokumenti oħra għall-librerija; u ġew użati l-fondi għall-attivitajiet tal-proġett tal-FSE sakemm jiġu allokati l-fondi tal-proġett stess[8].

F'Jannar 2010, il-baġit tal-Kummissjoni kien imnaqqas b'€20,000 jiġifieri għal €27,000. Bħala riżultat ta' dan it-tnaqqis, il-Kummissjoni se jkollha tibdel ċerti pjanijiet u mill-ġdid tipprijoritizza l-ħidma tagħha għas-sena li ġejja.

8 Ara r-rapport finanzjarju f'Appendiċi A

# 2. Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni dwar il-Vjolenza Domestika

### Pjan Nazzjonali ta 'Azzjoni

Wara li s-sena l-oħra ġie ippubblikat il-Pjan ta' Azzjoni, li kien ibbażat fuq l-*Blueprint* tal-Kampanja tal-Kunsill tal-Ewropa għall-ġlieda kontra l-Vjolenza kontra n-nisa inkluż il-Vjolenza Domestika, il-Kummissjoni kompliet tippjana il-ħidma tagħha u tipprijoritizza kif meħtieġ.

### 2.1 Miżuri legali u ta' politika

| | **Azzjoni meħtieġa** |
|---|---|
| • *reviżjoni tal-liġi - identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fil-protezzjoni tan-nisa minn kull forma ta' vjolenza domestika;* | |
| **1.1** Wara r-rakkomandazzjonijiet tas-sena l-oħra li ngħataw lil dak li kien il-Ministru tal-Politika Soċjali, il-Kummissjoni ser twaqqaf sottokumitat ġdid dwar l-aspetti legali. Dan sabiex iħares lejn il-proċess tal-għajnuna legali, sabiex jirrevedi l-liġi u sabiex ikun hemm monitaraġġ u evalwazzjoni kontinwa.<br><br>**1.1.2** Is-suġġeriment tas-sena l-oħra lill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern sabiex jinnominaw rappreżentant li jiġi kkoptjat fil-Kummissjoni bħala osservatur, ġie rifjutat. Din il-proposta kienet saret sabiex ikun hemm aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ ministeri fir-rigward tal-vjolenza domestika. Issa saret rakkommandazzjoni sabiex uffiċċjal speċifiku jiġi appuntat b'onoraria. | **Il-Kummissjoni bis-sapport tal-Ministeri relevanti**<br><br>**Il-Kummissjoni bis-sapport tal-Ministeri relevanti** |
| • *tistabbilixxi protezzjoni legali effettiva, inkluż l-ordnijiet ta' protezzjoni, għan-nisa kollha vittmi tal-vjolenza domestika, u monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwa tal-implimentazzjoni effettiva ta' din il-protezzjoni;* | |
| **1.2** Saret sejħa għas-servizzi ta' *focal point* fir-rigward ta' ġbir ta' *data*. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' diversi ordnijiet ta' protezzjoni ser ikunu parti mix-xogħol tagħhom. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u ġbir ta'** ***Data/ Focal Point*** |
| • *tassigura li l-liġijiet tal-immigrazzjoni u l-proċeduri amministrattivi ma jostakolawx lin-nisa li jridu jaħarbu minn relazzjoni vjolenti minħabba l-biża' ta' deportazzjoni; li jitilfu l-istat legali jew il-kustodja tat-tfal;* | |

| | |
|---|---|
| **1.3** Din is-sena, il-Kummissjoni kkooperat mal-*Jesuit Refugee Service* (JRS) sabiex jiġi formulat, printjat u mqassam fuljett f'diversi lingwi relevanti sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-aspett ta' vjolenza domestika u dwar is-servizzi li jeżistu. Dan il-fuljett tqassam fost il-komunità tar-refuġjati u l-*asylum seekers*.<br><br>Is-sottokumitat dwar l-aspetti legali ser iħares ukoll lejn l-oqsma li jaqgħu taħt dan it-titlu, minħabba li jidher car li hemm aktar fuq xhiex wieħed jaħdem. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat il-ġdid dwar l-Aspetti Legali** |
| • *Identifikazzjoni u tħejjija ta' miżuri sabiex jiżdied in-numru ta' rapporti, prosekuzzjoni u sanzjonijiet għal dawk li jwettqu vjolenza domestika fuq in-nisa;* | |
| **1.4** Minn riċerka ta' studenti li saret riċentement ġie konfermat li mhux l-uffiċjali tal-pulizija kollha jafu dwar il-linji gwida li kienu ppubblikati ftit snin ilu. Hemm il-pjan li l-Kummissjoni titlob li l-linji gwida jerġgħu jitqassmu lill-uffiċjali tal-pulizija kollha, b'mod li jiffirmaw li rċevewhom.<br><br>It-tqajjim ta' kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali fuq il-bidliet li saru bħala parti mill-Att dwar il-Vjolenza Domestika 2006 dwar il-prosekuzjoni, u dwar id-drittijiet tal-vittmi qed issir permezz tad-diversi interventi fil-midja mill-membri tal-Kummissjoni. Ser tiżdied it-tkabbir ta' konoxxenza permezz ta' kampanja nazzjonali ta' tqajjim ta' konoxxenza li ser issir bħala parti mill-proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropej (FSE).<br><br>**1.4.1** Il-ġbir u l-monitoraġġ ta' din id-*data* dwar ir-rappurtar, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonijiet huma neċċessarji. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat il-ġdid dwar l-Aspetti Legali**<br><br>**Is-SottoKumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza/ il-proġett tal-FSE 3.43**<br><br>**Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u ġbir ta' *Data*/ *Focal Point*** |
| • *Provediment ta' għajnuna legali, sapport psiko-soċjali lill-vittmi u garanzija ta' protezzjoni lix-xhieda;* | |
| **1.5** Ir-riviżjoni tas-sistema tal-għajnuna legali eżistenti għada ma saritx, għalkemm jidher li hemm *Justice Unit* li qed jaħdmu dwar dan. Il-*focal point* il-ġdid ser jaħdem ma' din is-sezzjoni u l-informazzjoni miġbura se tiġi riferuta lis-sottokumitat dwar l-aspetti legali sabiex dan jieħdu l-azzjoni neċessarja.<br><br>**1.5.1** Fir-rigward tas-sapport psiko-soċjali, il-Kummissjoni kompliet tqajjem il-punt dwar il-bżonn ta' aktar riżorsi umani (ħaddiema soċjali, psikologisti) fi ħdan l-aġenzija msemmija, Aġenzja Appoġġ, mal-awtoritajiet kompetenti. Din il-kwistjoni ser tibqa' titqajjem.<br><br>Il-Kummissjoni laħqet ftehim mal-Fondazzjoni *Richmond* sabiex tipprovdi sapport lill-ħaddiema f'dan il-qasam li jkunu qed jittrattaw ma' persuni b'każi ta' vjolenza domestika u li jkollhom problemi mentali. Dan il-ftehim ġie mġedded sal-aħħar tal-2010.<br><br>**1.5.2** Il-fond li twaqqaf is-sena l-oħra bejn il-Kummissjoni u l-aġenzija msemmija, l-Aġenzija Appoġġ sabiex titħallas il-protezzjoni privata tal-pulizija li jakkumpanjaw ix-xhieda u l-vittmi, fil-Qorti ġie mġedded għal sena oħra. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat il-ġdid dwar l-Aspetti Legali /*Focal Point*<br>Il-Kummissjoni** |

| | |
|---|---|
| • *żvilupp ta' assessjar ta' riskju u pjan ta' sigurtà bħala proċeduri regolari fi prevenzjoni ta' kriminalità sabiex tipprevjeni l-vjolenza kontra n-nisa, u tassigura li tingħata attenzjoni speċjali lill-vittmi f'riskju ta' vjolenza repetittiva;* | |
| **1.6** L-assessjar ta' riskju u l-pjan ta' sigurtà jibqgħu bħala l-proċeduri regolari fid-*Domestic Violence Unit,* Aġenzija Appoġġ għal dawk in-nisa li jfittxu l-għajnuna hemmhekk. Ġie ssuġġerit li l-Kummissjoni twaqqaf proġett pilota b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'lokalità fejn hemm numru kbir ta' rapporti fuq aspetti ta' *community policing* u *neighbourhood watch.*<br><br>Barra minn hekk, fl-aħħar seminar, ġiet preżentata *checklist* mill-Ispettur tal-*Metropolitan Police*, u qed jiġi ssuġġerit li din il-lista tista' tintuża mill-pulizija tad-distretti. | **Il-Kummissjoni**<br><br><br><br><br><br><br>**Il-Kummissjoni** |

## 2.2 Sapport u protezzjoni lill-vittmi

| | **Azzjoni meħtieġa** |
|---|---|
| • *provediment tar-riżorsi neċessarji għal-linji għal 24 siegħa bla ħlas;* | |
| **2.1** La darba għandna Supportline 179, li hu mmexxi mill-Aġenzija Appoġġ, u jitħaddem minn volontiera mħarrġa, m'hemmx ħtieġa ta' aktar azzjoni dwar dan. | **Xejn** |
| • *provediment ta' servizzi ta' sapport u pariri legali, li jilħqu standards ta' kwalità, għall-vittmi kollha ta' vjolenza u li jħeġġu lin-nisa, u li jassiguraw li s-servizzi huma aċċessibli għan-nisa kollha, inklużi dawk in-nisa li huma esklużi mis-soċjetà, immigranti riċenti, refuġjati u nisa minn gruppi ta' minorità etnika u nisa b'diżabbilità* | |
| **2.2** Referenza għal 1.3 aktar 'il fuq. Iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni hija membru fl-bord konsultattiv ta' proġett li qed jagħmlu l-JRS dwar is-sess u l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru (SGBV) fost ir-refuġjati u l-komunità tal-*asylum seekers*. Il-bżonn ta' servizzi għal sapport u pariri legali jkun jista' jiġi evalwat aħjar la darba joħorġu r-riżultati ta' dan il-proġett**.** Iżda għad fadal ħafna x'isir f'dan ir-rigward. Hemm il-bżonn li l-Kummissjoni tikkomunika iktar mal-AWAS, kif ukoll terga' ġedded il-komunikazzjoni tagħha mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbilità (KNPD), speċjalment minħabba l-kampanja ta' konoxxenza tal-proġett tal-FSE. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza/FSE 3.43** |

| | |
|---|---|
| • *provediment ta' riżorsi għal numru adekwat ta' xelters siguri għan-nisa vittmi ta' vjolenza li jkollhom jaħarbu mill-vjolenza, kif ukoll servizz ta' pariri legali u ċentri ta' kriżi, u li dawn is-servizzi jkunu provduti bir-riżorsi umani u b'dawk finanzjarji kif meħtieġ;* | |
| **2.3** Il-Kummissjoni ser tkompli tinsisti dwar dan. Il-Kummissjoni ssieħbet ukoll mal-*Victim Sapport Malta* sabiex jintalbu fondi sabiex jitwaqqaf ċentru ta' kriżi. Din it-talba ġiet rifjutata. Ser terġa' ssir applikazzjoni ġdida.<br><br>It-*task group* dwar it-tim ta' rispons dwar attakk sesswali (SART) li waqqfet il-Kummissjoni għadu għaddej jaħdem fuq il-prosposta li ser tiġi preżentata lill-awtoritajiet relevanti. Hemm il-ħsieb li din tiġi preżentata fix-xhur li ġejjin. Is-SART ser jingħata xi kmamar minn fejn ikun jista' jaħdem fl-Isptar Mater Dei. | ***Task Group* tal-Kummissjoni** |
| **2.3.1** Għadu qed jibqa' jiġi ssuġġerit li fit-tul ta' żmien ssir evalwazzjoni sewwa tat-taħriġ li hemm bżonn għall-ħaddiema li jaħdmu f'dan is-settur f'Malta u Għawdex, kif ukoll rakkomandazzjonijiet ta' kif wieħed jista' jilħaq dawn il-bżonnijiet. Fis-sottokumitat dwar l-iżvilupp tas-servizzi bdiet l-identifikazzjoni ta' x'tip ta' stħarriġ hemm bżonn. Il-Kummissjoni qajmet il-punt dwar il-bżonn ta' komunikazzjoni aħjar dwar it-taħriġ mal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali. Dan jeħtieġ li jkun segwit. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi** |
| • *żvilupp ta' settur koordinat speċjalizzat b'dixxiplini varji bir-riżorsi meħtieġa sabiex iżid il-*capicity building *fl-aġenziji nazzjonali u lokali bħalma huma is-saħħa, il-ġustizzja, il-ħarsien soċjali u l-edukazzjoni, biex b'hekk in-nisa vittmi tal-vjolenza jiġu pprovduti b'sapport immedjat, komprensiv u kordinat.* | |
| **2.4** Ġie ppublikat ir-rapport tal-eżitu tas-seminar bl-isem *Working together to combat domestic violence* li sar f'Novembru 2008 għall-ħaddiema minn diversi setturi, bħalma huma l-ħaddiema soċjali, l-pulizija, l-avukati u oħrajn li jiltaqgħu mal-vjolenza domestika. It-tieni seminar sar f'Novembru 2009 bl-isem *An integrated Approach towards Domestic Violence*. Ir-rapport ta' dan is-seminar ġie mtella' fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Għal darb'oħra, il-vantaġġ ta' taħriġ konġunt ġie enfasiżżat bis-sħiħ mill-parteċipanti.<br><br>Fil-proġett tal-FSE li ngħata lill-Kummissjoni, waħda mill-attivitajiet pjanati huwa taħriġ għall-professjonisti fis-settur tas-saħħa, il-ġustizzja, il-ħarsien soċjali u l-edukazzjoni. Hemm il-ħsieb li dan it-taħriġ issir fil-bidu tas-sajf tal-2010. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi/FSE 3.43** |
| **2.4.1** Id-diversi sottokumitati tal-Kummissjoni jipprovdu l-lok għad-diversi setturi sabiex jiltaqgħu u jaħdmu flimkien, u dan ser jibqa' jsir. | **Diversi Sottokumitati** |

| | |
|---|---|
| **2.4.2** Wara li ssir evalwazzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet, għad irrid issir pjan għal taħriġ maħsub li jibqa' għaddej għal tul ta' żmien (ara 2.3.1 aktar 'il fuq). | **Il-Kummissjoni/ Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi** |
| **2.4.3** Il-proġett tal-FSE li jinkludi t-taħriġ ser jintuża sabiex jitfasslu protokoli li jirregolaw ix-xogħol konġunt bejn id-diversi professjonisti. Hemm il-ħsieb li jekk il-Kummissjoni jkollha riżorsi biżżejjed, dak li ħareġ miż-żewġ seminars organizzati mill-Kummissjoni jiġu ntegrati ma' dak li jirriżulta mit-taħriġ. Dan għandu jwassal sabiex jitfasslu protokoli b'viżjoni aktar olistika. Dawn għandhom imbagħad jiġu addottati mill-entatijiet li jaħdmu f'dan il-qasam. | **Il-Kummissjoni/il-proġett tal-FSE 3.43** |
| • *torganizza taħriġ dwar il-vjolenza domestika fuq in-nisa għall-professjonisti (bħal pulizija, professjoni medika, uffiċjali ġudizzjarji u oħrajn);* | |
| **2.5** Il-Kummissjoni dejjem laqgħet it-talbiet għat-taħriġ (bħal lekċer għall-istudenti tal-liġi tal-aħħar sena; taħriġ għall-istudenti Għawdxin tal-MCAST, taħriġ għall-Kulleġġ tal-Kappillani; oħrajn). Din is-sena ġie organizzat seminar kif imsemmi aktar 'il fuq, u saru taħdidiet mal-organizzaturi tal-kors Grundtvig, sabiex tawna sitt postijiet b'xejn. Dan il-kors sar Malta għall-ħaddiema li jmissu mal-qasam tal-vjolenza domestika.<br><br>Kif intqal aktar 'il fuq, il-parti tat-taħriġ fil-proġett tal-FSE jinkludi wkoll is-sensibilizzazzjoni għall-gruppi professjonali (l-avukati; il-pulizija; l-għalliema; il-ħaddiema soċjali; il-professjonisti fis-settur tas-saħħa; il-konsulenti dwar l-impjiegi) fuq l-aspetti tal-vjolenza domestika. | **Il-Kummissjoni** |
| **2.5.1** ara wkoll 2.3.1 aktar 'il fuq | |
| • *tiġi inkluża l-kwistjoni ta' vjolenza domestika fuq in-nisa bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedemi tan-nisa u bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika fil-kurrikulu tal-edukazzjoni ta' kull studju kif ukoll taħriġ għall-uffiċjali tal-ġudikatura u tas-sigurtà, professjonisti fil-kura tas-saħħa, għalliema u oħrajn;* | |
| **2.6** Għal darb'oħra, din is-sena intalab u ngħata taħriġ lill-istudenti tal-liġi tal-aħħar sena. Sar taħriġ għas-seminaristi b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Appoġġ. Il-pjan tagħna li matul din is-sena nagħtu prijorità lill-għalliema li għadhom jistudjaw ma seħħx. Dan għad irrid issir. | **Il-Kummissjoni** |
| **2.6.1** Fir-rappport tas-sena l-oħra kien issuġġerit li għal quddiem, il-Kummissjoni tibda taħdidiet ma' diversi dipartimenti tal-Università sabiex jiġi offrut kors ta' *post-graduate certificate* dwar il-vjolenza domestika lill-professjonisti varji. Il-membri tal-Kummissjoni li huma stess huma membri tal-istaff akkademiku tal-Università ser jiltaqgħu sabiex jiddiskutu kif dan il-pjan jista' jitwettaq. | **Il-Kummissjoni** |

| | |
|---|---|
| • *tinkoraġġixxi f'kull livell ix-xogħol ta' l-NGOs involuti sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u tistabilixxi koperazzjoni attiva ma' dawn l-NGOs, li jinkludi sapport loġistiku u finanzjarju addattat;* | |
| **2.7** Il-Kummissjoni kompliet tinkorraġġixxi u tappoġġja ix-xogħol tal-NGOs, kif ukoll taħdem u titkellem favurihom, permezz tas-sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz; il-forum tal-ħaddiema fil-qasam tal-vjolenza domestika; it-*task group* dwar it-tim ta' rispons dwar attakk sesswali; tiffaċilità l-aċċess għat-taħriġ; u l-grupp *DAPHNE*. Hija ser tibqa' tagħmel dan kif ukoll tipprova ssolvi kwistjonijiet oħra li jinqalgħu. | **Il-Kummissjoni/ diversi Sottokumitati** |
| • *provediment ta' sapport finanzjarju, ta' djar, drittijiet indipendenti għar-residenza kif ukoll taħriġ u mpjiegi għan-nisa vittmi tal-vjolenza sabiex ikunu jistgħu jiddeċidu huma stess b'sens liberu jekk jitilqux lis-sieħeb vjolenti tagħhom;* | |
| **2.8** Il-proġett tal-FSE *'Dignity for Domestic Violence Survivors'* jimmira biex tiżdied l-opportunità għax-xogħol għan-nisa li jkunu vittmi tal-vjolenza domestika. Din qed tiġi milqugħa permezz ta': taħriġ għal diversi professjonisti dwar il-possibilitajiet ta' xogħol u kif wieħed ikun jista' jieħu opportunità mid-diversi skemi li jeżistu; il-professjonisti fil-qasam tax-xogħol isiru aktar konxji dwar il-vjolenza domestika; kampanja ta' tkabbir ta' konoxxenza; u aktar.<br><br>**2.8.1**. Is-sottokumitat dwar l-iżvilupp tas-servizzi kien qed iżżomm rendikont tal-allokazzjoni tad-djar tal-gvern u kemm iddum sabiex jinħareġ il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali. Qed jiġi wkoll mistħarreġ x'hemm bżonn li jittranġa u dan ser ikun f'idejn il-*focal point* meta tinstab il-persuna addattata. | **Il-Kummissjoni/il-proġett tal-FSE**<br><br>**Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi/*Focal Point*** |
| • *tinkoraġġixxi li jinħolqu programmi għal min iwettaq vjolenza li jkunu koordinati fuq livell nazzjonali u bbażati lokalment. Dawn il-programmi jridu jkunu bbażati fuq il-bżonnijiet għas-sigurtà tan-nisa u jkun organizzati flimkien mas-servizzi għan-nisa li huma l-vittmi;* | |
| **2.9** Dan is-servizz diġa' jeżisti f'Malta. M'hemmx bżonn ta' aktar azzjoni għal issa. | **Xejn** |

## 2.3 Ġbir ta' *Data*

| | **Azzjoni meħtieġa** |
|---|---|
| • *tassigura l-ġbir sistematiku ta'* statistical data *diżaggregata skont is-sess, bit-tip ta' vjolenza kif ukoll skont it-tip ta' relazzjoni li hemm bejn dak li jwettaq il-vjolenza u l-vittma f'kull qasam;* | |
| **3.1** Matul l-aħħar sena, is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u l-Ġbir ta' *Data* flimkien maċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni komplew jaħdmu fuq l-istruttura sabiex dan ikun jista' jseħħ. Fuq is-suġġeriment tal-Kummissarju dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni twaqqaf il-*focal point* sabiex ikun jista' jsir l-armonizzazzjoni tad-*data* statistikament. La darba tiġi mpjegata l-persuna l-Kummissjoni tkun tista' tagħti l-prijorità li jistħoqq. | **Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir ta' Data /*Focal Point*** |
| • *tintuża metidoloġija li biha tista' ssir analiżi skont is-sess u tkun tista' tiġi mqabbla ma' ta' pajjiżi oħra membri tal-Kunsill tal-Ewropa* | |
| **3.2** Meta jiġi mpjegat il-*focal point*, se jkun meħtieġ li jikkommunika ma' entitajiet oħra fl-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Dan għandu jsir sabiex l-informazzjoni li tinġabar tkun komparabbli ma' dik tal-pajjiżi kollha. Dan issir taħt is-superviżjoni tas-sottokumitat dwar ir-riċerka.<br><br>Il-Kunsill tal-Ewropa qiegħed fil-proċess li tinkiteb konvenzjoni li tkun legalalment obbligatorja li tinkludi parti dwar ir-riċerka. L-Unjoni Ewropeja qed tikkonsidra li twaqqaf osservatorju sabiex issir monitaraġġ tal-informazzjoni li tinġabar mill-istati membri. Għaldaqstant, dan il-punt tal-pjan ta' azzjoni issa għandu aktar importanza u hemm il-bżonn li jingħata prijorità. | **Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir ta' Data /*Focal Point*** |
| • *tiġbor u tqassam prattiċi tajba ta' prevenzjoni ta' vjolenza li tiġri fil-familja jew grupp domestiku, li l-vittmi jiġu protetti u dawk li jwettqu vjolenza jiġu mħarrka;* | |
| **3.3** Għalkemm diġa' sar ħafna xogħol f'dan ir-rigward, għad hemm aktar xi jsir. L-osservatorju tal-Unjoni Ewropeja kif imsemmi aktar 'il fuq, ser ikun jinkludi dan l-punt. Għalhekk dan il-punt irid jingħata aktar importanza. | **Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi** |

## 2.4 Tkabbir ta' Konoxxenza

| | **Azzjoni meħtieġa** |
|---|---|
| • *pubblikament tiġi kkundannata l-vjolenza fuq in-nisa bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u li tiġi miġġielda anki mill-għola livell politiku;* | |
| **4.1** It-tieni preżentazzjoni li l-Kummissjoni kellha tagħti lill-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Soċjali dwar il-Vjolenza Domestika f'Malta ġiet posposta. Dan ġara minħabba li kien hemm is-sospensjoni tal-parlament. Data oħra għad trid tiġi miftehma.<br><br>Madanakollu, d-diversi publikazzjonijiet li ġew ippublikati mill-Kummissjoni, matul is-sena ta' rappurtar ġew imqassma lill-membri parlamentari kollha. Dan sar sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar l-aspetti tal-vjolenza domestika mal-ogħla livell politiku. Dawn jinkludi r-rapport annwali tal-Kummissjoni, studju dwar il-perċezzjonijiet tal-pubbliku ġenerali Malti dwar il-Vjolenza Domestika, u r-rapport tal-eżitu tas-seminar tat-2008. | **Il-Kummissjoni** |
| • *tkabbir ta' għarfien dwar il-vjolenza domestika fuq in-nisa permezz ta' kull mezz possibbli, b'mod partikulari permezz tal-midja u l-kurrikulu edukativ sabiex jiġi kkontestat l-isterjotip dwar is-sessi li jeżistu bħalissa, in-normi kulturali li huma diskriminatori, u l-opinjoni pubblika li tara l-vjolenza domestika bħala aċċettabli;* | |
| **4.2** Mill-aħjar li tista', il-Kummissjoni kompliet tilqa' il-proposti tal-midja, u diversi membri tal-Kummissjoni ħadu sehem fi programmi televiżivi u tar-radju kif ukoll intervisti li ġew ppublikati.<br><br>Is-sottokumitat dwar it-tkabbir ta' konoxxenza reġa' beda jiltaqa'.<br><br>Il-proġett tal-FSE jinkludi kampanja nazzjonali tal-midja u ġie maħruġ it-tender għalija.<br><br>Idealment, il-Kummissjoni ikolla uffiċjal għar-relazzjoni pubblika li ikun jista' jgħin fix-xogħol tagħha.<br><br>**4.2.1** Fir-rigward tal-kurrikula tal-edukazzjoni ara wkoll 2.6 aktar 'il fuq. | **Il-Kummissjoni/ Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza/ il-proġett tal-FSE** |
| • *tinkoraġġixxi lill-mexxeja nazzjonali u tal-kommunità u dawk li jiffurmaw l-opinjonijiet pubbliċi sabiex jirrikonoxxu b'mod pubbliku l-gravità tal-vjolenza fuq in-nisa li tiġri fil-familja jew grupp domestiku, u li jikkundannaw it-twettiq tal-vjolenza u d-drawwiet, il-kultura u r-reliġjon li jiġu wżati bħala ġustifikazzjoni għall-vjolenza;* | |

| | |
|---|---|
| **4.3** Data oħra għad trid tiġi miftehma sabiex tingħata it-tieni preżentazzjoni lill-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Soċjali (ara 4.1 aktar 'il fuq).<br><br>**4.3.1** Kienet ingħatat data sabiex issir sezzjoni ta' taħriġ lill-Kurja ta' Għawdex iżda sfortunatament il-Kummissjoni ma segħetx tattendi. Qegħda terġa' tiġi miftehma data oħra. | **Il-Kummissjoni**<br><br>**Il-Kummissjoni** |
| • *tingħata għajnuna għall-inizjattivi speċifiċi ta' tkabbir ta' għarfien li l-għan tagħhom hu li jilħqu l-irġiel sabiex dawn jieħdu sehem attiv biex tiġi eliminata kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika;* | |
| **4.4** Waħda mill-attivitajiet mitluba fid-dokument tal-offerta għall-kampanja nazzjonali għat-tkabbir ta' konoxxenza bħala parti mill-proġett *Dignity for Domestic Violence Survivors*, li huwa finanzjat mill-FSE, hija logħba futbol. F'din il-logħba, il-plejers ser jissapportjaw pubblikament lill-irġiel li huma kontra l-vjolenza kontra n-nisa, billi jilbsu ċfuf bojod. L-offerta ġiet ippublikata u huwa ppjanat li l-kampanja tibda f'Ġunju 2010. | **Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza** |

# 3. Tkabbir ta' Konoxxenza

It-tkabbir ta' konoxxenza dwar il-vjolenza domestika u l-effetti tagħha jibqa' dejjem rwol importanti tal-Kummissjoni, allavolja din is-sena kellha bil-fors tnaqqas ħafna minn dan ix-xogħol. Minkejja dan, it-tkabbir ta' konoxxenza se jkompli jkun ta' prijorità.

## 3.1 Preżentazzjonijiet

Wara laqgħa li ċ-*Chairperson* kellha ma' Fr Jimmy Bonnici, Rettur tas-Seminarju f'Malta, kien ġie miftiehem li l-Kummissjoni tagħti żewġ sessjonijiet ta' taħriġ għas-seminaristi. Dawn is-sessjonijiet saru nhar l-Erbgħa 29 ta' April 2009 u nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2009. Il-preżentazzjonijiet saru minn Dr Marceline Naudi, iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni, u s-Sinj Doreen Camilleri, *Service Area Leader* fi ħdan id-*Domestic Violence Services* tal-Aġenzija Appoġġ.

Fuq stedina tas-Sur Osvaldo Zammit mill-MEUSAC, nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2009, Dr Marceline Naudi tat preżentazzjoni dwar il-programm *DAPHNE* tal-Unjoni Ewropeja lill-impjegati tal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali.

Fuq stedina tal-MCAST, iċ-*Chairperson* kienet mistiedna biex tagħti *talk* lill-istudenti tal-MCAST f'Għawdex nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru 2009. Is-seminar dwar il-Vjolenza Domestika, ġie organizzat għall-istudenti Għawdxin kollha li jattendu l-korsijiet hemmhekk.

Fuq stedina ta' Dr Ruth Farrugia, *senior lecturer* fil-Fakulta' tal-Liġi, Dr Marceline Naudi tat ukoll sagħtejn lekċer lil l-istudenti tal-ħames Sena tal-Liġi fl-Università ta' Malta nhar it-Tlieta 16 ta' Frar, 2010.

## 3.2 Komunikazzjoni mal-Ġudikatura u mal-Qrati

Il-Kummissjoni stiednet membri tal-Ġudikatura sabiex jattendu konferenza intitolata *"An Integrated Approach towards Domestic Violence"* organizzata biex tfakkar il-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq n-Nisa. Membru wieħed tal-Ġudikatura attenda is-seminar li sar nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2009. Il-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mad-Deputat Reġistratur is-Sinj M'Lourdes Lautier, mir-Reġistru tal-Qorti tal-Familja u l-Medjazzjoni, għandha l-ħsieb li tiġi organizzata laqgħa ta' familjarizzazzjoni tal-Qrati għall-Kummissjoni u oħrajn. Kif intqal aktar 'il fuq, Dr Marceline Naudi ġiet mistiedna sabiex tkun parti minn *panel* fejn ġiet diskussa l-vjolenza domestika bħala parti minn konferenza dwar il-qorti tal-familja organizzata mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern. Il-konferenza saret f'Jannar 2010 u l-parteċipanti kienu jikkonsisti minn membri tal-ġudikatura u professjonisti oħra li l-ħidma tagħhom hija relatata mal-Qorti tal-Familja.

### 3.3 Tkabbir ta' konoxxenza: il-Pubbliku

Il-sottokumitat dwar it-tkabbir ta' konoxxenza reġa' beda jiltaqa' u l-membri bdew jiltaqgħu biex jiddiskutu d-dettalji li riedu jiġu nklużi fl-offerta għall-kampanja ta' pubbliċità bħala parti mill-proġett tal-FSE *Dignity for Domestic Violence Survivors*. Għalkemm fil-perjodu ta' rappurtar il-Kummissjoni ma talbitx li tipparteċipa fil-midja, madankollu rrispondiet għal bosta talbiet sabiex tieħu sehem f'avvenimenti u f'intervisti fil-gazzetti, fuq ir-radju u fuq it-televiżjoni, kif elenkat hawn taħt. Għaldaqstant, il-pubbliċità fil-midja kienet inżammet minima ħafna sabiex tiġi rispettata t-talba mill-Aġenzija Appoġġ, biex b'hekk ma jiżdiedx in-numru ta' referenzi li jwassal f'żieda ta' każi għall-ħaddiema soċjali fi ħdan id-*Domestic Violence Unit*, li għadhom b'nuqqas ta' ħaddiema.

• Parteċipazzjoni f'fiera nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru 2009 organizzata miċ-Ċentru Parrokjali Iklin flimkien ma' Dar MerħbaBik bil-għan li jitqajjem għarfien dwar il-vjolenza domestika.

• Parteċipazzjoni permezz ta' intervista għall-artiklu *"More sensitive services being planned for sexual assault victims"* mis-Sinj Claudia Calleja għat-*Times of Malta* ppubblikat nhar il-Ħadd 02 ta' Awwissu 2009 (Dr Marceline Naudi).

• Parteċipazzjoni permezz tal-artiklu "Il-Femicidju u l-Vjolenza Domestika" għal Il-Punt fil-ILLUM ippubblikat nhar il-Ħadd 02 ta' Awwissu 2010 (Dr Marceline Naudi).

• Parteċipazzjoni fi programm "L-Argument f'Nofs il-Ġimgħa" imxandar fuq l-RTK nhar l-Erbgħa 09 ta' Settembru 2009 mtella' mis-Sinj Anna Bonanno (Dr Marceline Naudi).

• Parteċipazzjoni fil-programm "Ġenerazzjoni" imxandar fuq *Favourite Channel* nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2009 (Dr Albert Bell).

• Parteċipazzjoni fil-programm "Bla Aġenda" imxandar fuq *One TV* nhar is-Sibt 31 ta' Ottubru 2009 mtella' mis-Sinj Josette Grech (Dr Marceline Naudi).

• Parteċipazzjoni fuq programm "Malta Illejla" imxandar fuq *NET TV* nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2009 mtella' mis-Sinj Anna Bonanno (Dr Marceline Naudi).

• Parteċipazzjoni fuq programm tar-radju "Bil-Haqq u s-Sewwa" imxandar fuq *Campus FM* fuq stedina tas-Sinj Yvette Borg imxandar nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2009 u ripetut il-Ġimgħa ta' wara (Dr Marceline Naudi u Spettur Louise Calleja).

• Parteċipazzjoni fil-programm '1205' imxandar fuq TVM nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2010 mtella' mis-Sur Ray Calleja (Dr Roberta Lepre').

• Parteċipazzjoni f'intervista *online* għall-ġurnal *Insite* tal-istudenti (Dr Marceline Naudi).

Stqarrijiet għall-istampa[9] kienu wkoll maħruġa mill-Kummissjoni kif indikat hawn taħt:

• Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija għall-istampa dwar il-Jum Internazzjonali tal-Mara mfakkra fit-8 ta' Marzu 2009;

• Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija għall-istampa il-Ħamis 20 ta' Awwissu 2009 dwar il-femiċidji li seħħew f'Malta;

• Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija għall-istampa nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2009 dakinhar li sar s-seminar *"An Integrated Approach towards Domestic Violence"*.

## 3.4 Websajt

Il-websajt tal-Kummissjoni www.domesticviolence.gov.mt kienet ġiet imwaqqfa f'Ġunju 2007 bħala parti mill-websajt tal-Ministeru. Il-websajt tinkludi fiha tagħrif dwar il-Kummissjoni u l-attivitajiet tagħha kif ukoll *links* għall-liġijiet relatati mal-vjolenza domestika. Tinkludi wkoll *links* għall-websajts ta' organizzazzjonijiet oħra li jittrattaw aspetti ta' vjolenza domestika. Il-websajt qed tkun kontinwament aġġornata. Fis-sena ta' rappurtar, ittella' l-aħħar rapport annwali, kif ukoll ir-rapporti tal-eżitu ta' dak li sar fis-Seminars li ġew organizzati mill-Kummissjoni f'Novembru 2008 u 2009. Ġie mtella' wkoll l-istudju "*Maltese Public's Perceptions on Domestic Violence"* li kien ikkummissjonat mill-Kummissjoni lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Materjal ieħor li ttella' fuq il-websajt jinkludi stqarrijiet għall-istampa maħruġa mill-Kummissjoni u intervisti għall-istampa mogħtija minn membri tal-Kummissjoni.

9 L-istqarrijiet għall-istampa jinstabu f'www.domesticviolence.gov.mt

# 4. Żvilupp tas-Servizz u tal-Linji ta' Politika

Minbarra l-ħidma li qed titwettaq mis-sottokumitati dwar l-iżvilupp tas-servizz u l-linji ta' politika, il-Kummissjoni organizzat diversi laqgħat ma' persuni u ma' entitajiet ewlenin.

### 4.1 Laqgħa mas-Sur Frans Borg, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Politika Soċjali

Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Kummissjoni ltaqgħu mas-Sur Frans Borg, Segretarju Permanenti nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2009 wara l-ħatra tiegħu bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-qasam tal-vjolenza domestika. Iċ-*Chairperson* tat sommarju qasir tal-ħidma tal-Kummissjoni u l-involviment tal-membri tal-Kummissjoni fid-diversi sottokumitati li jwassal għall-ħidma aktar effettiv dwar kwistjonijiet relatati mal-vjolenza domestika.

Kien diskuss l-għan li jitfasslu l-istandards għas-servizzi provduti fil-qasam tal-vjolenza domestika. Is-Sur Borg kien infurmat ukoll li s-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u l-Ġbir ta' *Data* kien qed jaħdem fuq l-armonizzazzjoni ta' *data* miġbura mid-diversi entitajiet u li permezz ta' fondi miksuba permezz tal-proġett tal-FSE, ġie kummissjonat studju ta' prevalenza sabiex iwassal li l-Kummissjoni jkollha stampa ċara tal-problema f'dan il-qasam. In-nuqqas ta' ħaddiema soċjali fi ħdan d-*Domestic Violence Unit* fl-Aġenzija Appoġġ ġiet imqajma għal darb'oħra kif ukoll dwar il-konsegwenza li dan in-nuqqas qed jillimita lill-Kummissjoni milli żżied l-għarfien dwar dan il-qasam.

Ġiet diskussa wkoll il-lista twila ta' stennija li teżisti għas-servizzi psikoloġiċi fl-Aġenzija Appoġġ u dwar il-ħtieġa għall-għajnuna amministrattiva għall-Kummissjoni.

.

### 4.2 Laqgħa mas-Sur Joe Ebejer, Kummissarju dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni

Dr Marceline Naudi, *Chairperson* tal-Kummissjoni u Dr Albert Bell, *Chairperson* tal-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u l-Ġbir ta' *Data* kellhom laqgħa mal-Kummissarju dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni, is-Sur Joe Ebejer. Għall-laqgħa kienu preżenti wkoll żewġ uffiċjali mill-uffiċċju tiegħu. Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 05 ta' Mejju 2009.

Id-diskussjoni tal-laqgħa ffukat fuq l-possibbiltà li l-aġenziji jaqsmu l-informazzjoni li jkollhom dwar dawk li jużaw is-servizzi. Kien miftiehem li sabiex dan ikun possibbli il-Kummissjoni teħtieġ li tfassal struttura ta' dan il-proċess, li jkollha persuna/aġenzija appuntata (*focal point*). L-informazzjoni mill-

aġenziji tgħaddi lil din il-persuna/aġenzija, u b'hekk issir l-proċessar tal-informazzjoni. Madankollu r-responsabbiltà tal-informazzjoni mgħoddija tibqa' tal-Kummissjoni. Kien ukoll miftiehem li dan il-proċess għalissa għandu jibda bejn żewġ aġenziji biss.

Il-Kummissarju dwar il-Protezzjoni tal-Informazżjoni ssuġġerixxa li meta l-Kummissjoni jkolla l-istruttura mwaqqfa, għandha tagħmel talba formali bil-miktub, billi ssemmi l-entitajiet involuti, u liema informazzjoni ser tkun ikkumparata, filwaqt li tagħti l-bażi legali għal din it-talba, jiġifieri li hija parti mit-termini ta' referenza tal-Kummissjoni kif indikat fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika.

## 4.3 Laqgħa ma' Dr Therese Cachia Commodini, President Organizzazzjoni għall-Promozzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem (Malta) u s-Sinj Philippa Arrigo

It-Tnejn 19 ta' Jannar 2010, Dr Marceline Naudi iltaqgħet ma' Dr Therese Cachia Commodini u s-Sinj Philippa Arrigo biex jiddiskutu rapport li ġie ppreżentat mill-Organizzazzjoni għall-Promozzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem (Malta) (OPHR) fir-rigward tal-pubblikazzjoni *"Violence in the EU Examined"*. Ġew diskussi kwistjonijiet relatati mal-istatistika u l-monitoraġġ; taħriġ minn persuni li ma jaħdmux fil-Korp tal-Pulizija għall-uffiċjali tal-pulizija; il-kwistjoni ta' *teenage perpetrators* u l-kwistjoni ta' tfal li jassistu għal atti ta' vjolenza domestika; u l-possibbiltà ta' kriterji speċifiċi għall-Ġudikatura biex jiġu ggwidata fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar meta għandhom jiġu konċessi talbiet għall-irtirar ta' każi ta' vjolenza domestika u l-ordnijiet ta' preskrizzjoni.

## 4.4 Laqgħa mal-Aġenzija msemmija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u/jew ta' kura għall-vittmi u awturi ta' vjolenza domestika

Il-Kummissjoni organizzat laqgħa nhar il-21 ta' Jannar 2010 mas-Sinj Sina Bugeja, il-Kap Eżekutiv il-ġdid tal-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali, is-Sinj Yvonne Mallia, *Operations Director*, Aġenzija Appoġġ u s-Sinj Maryanne Gauci, *Adult and Family Service Manager*, Aġenzija Appoġġ. Iċ-*Chairperson* u tliet membri oħra tal-Kummissjoni, Dr Albert Bell, Sr Joan Garner u Dr Taygeta Tilney attendew il-laqgħa. Id-diskussjoni kienet tiffoka dwar il-ħtieġa li jiżdied n-numru ta' ħaddiema soċjali fid-*Domestic Violence Unit* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lir-rappreżentanti tal-Fondazzjoni li l-Kummissjoni kienet qed taħdem fuq l-armonizzazzjoni ta' *data* u kienet fil-proċess li timpjega *focal point* li jkun responsabbli għall-ġbir ta' *data* mid-diversi entitajiet li jiltaqgħu ma' każi ta' vjolenza domestika. Ġie diskuss ukoll il-kwistjoni tal-evalwazzjoni tas-servizzi tal-vjolenza domestika. Il-Kummissjoni kienet infurmata li twettqet evalwazzjoni fost numru kbir ta' ħaddiema tal-Fondazzjoni, li tinkludu l-effettività tas-servizzi mill-perspettiva tal-ħaddiema. Il-Fondazzjoni kellha wkoll l-intenzjoni li twettaq it-tieni parti ta' din l-evalwazzjoni li tkun mill-perspettiva tal-klijenti. It-taħriġ għall-ħaddiema soċjali f'dan il-qasam kien diskuss ukoll. Ġie ssuġġerit li jsiru laqgħat okkażjonali bejn il-Kummissjoni u l-persuna responsabbli għat-taħriġ fil-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali, sabiex it-taħriġ ikun aktar ikkoordinat. Il-Kummissjoni ssuġġerit li tkun ikkonsultata

fit-tfassil tal-pjan annwali dwar it-taħriġ fir-rigward tal-vjolenza domestika. Il-kwistjoni tas-*software* dwar il-*case management* kien diskuss ukoll u l-Kummissjoni ġiet infurmata li l-proġett pilota kien fil-fażi finali tiegħu. Il-Kummissjoni nfurmat ukoll lis-Sinj Bugeja li bħala parti mill-proġett tal-FSE *"Dignity for Domestic Violence Survivors"* ser issir kampanja nazzjonali ta' tagħrif u li se tkun mifruxa fuq kważi sentejn sabiex jitnaqqas l-effett fin-numru ta' referenzi**.** Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Fondazzjoni li kienet waslet biex twaqqaf Sottokumitat dwar Aspetti Legali bil-għan li jirrevedi l-Att dwar il-Vjolenza Domestika u bħala parti minn dan is-Sottokumitat, il-Fondazzjoni ser tintalab tinnommina r-rappreżentant tagħha. Fl-aħħar, ġie ssuġġerit li ċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni u s-Sinj Maryanne Gauci, *Adult and Family Service Manager*, jerġgħu jibdew jitlaqgħu.

## 4.5 Reviżjoni tal-liġi dwar il-vjolenza domestika

Wara l-laqgħa *Ad Hoc* miżmuma fl-aħħar sena biex tħares lejn il-problemi u l-kwistjonijiet li qed jiġu ffaċċjati fil-prattika fir-rigward tal-liġi u aspetti legali, il-Kummissjoni se twaqqaf Sottokumitat dwar l-Aspetti Legali biex tħares lejn il-liġi u tissuġġerixxi l-emendi meħtieġa biex tiżdied l-effettivita' tal-liġi. Qed jiġi ssuġġerit li l-membri fis-sottokumitati jkunu jinkludu rappreżentanti mill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, Ministeru għall-Edukazzjoni, ix-Xogħol u l-Familja, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tal-Parliament. Is-Sottokumitat għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Dawn l-emendi għandhom jindirizzaw id-diffikultajiet li qiegħdin jiġu ffaċċjati fir-rigward tal-liġi minn nisa li jippruvaw jaħarbu l-vjolenza domestika, kif ukoll mill-ħaddiema li jaħdmu magħhom. It-termini ta' referenza qed jiġu mfassla u l-ittri għan-nominazzjonijiet tal-membri fuq il-sottokumitat se jintbagħtu fiż-żmien li ġej.

## 4.6 Kuntatt ma' entitajiet oħra

### 4.6.1 Kuntatt mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika

Fil-kapaċità personali tagħha, iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni kompliet tlaqqa' b'mod regolari forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika (magħruf ukoll bħala *"shelters' meeting").* Dan il-forum jinkludi l-ħaddiema soċjali impjegati fis-settur, kif ukoll rappreżentanti tax-xelters differenti. L-informazzjoni diskussa f'dan il-forum, jwassal sabiex jiġu mressqa diversi kwistjonijiet ta' prattika li mbagħad jiġu mressqa quddiem il-Kummissjoni.

### 4.6.2 Kuntatt mal-Fondazzjoni *Richmond*

Waħda mill-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq kienet il-problema ffaċċjata minn ħaddiema soċjali meta jkunu nvoluti ma' persuni li l-każ ikun jinvolvi kemm vjolenza domestika kif ukoll aspetti ta' saħħa mentali. Dettalji dwar dan ingħata fir-rapport tas-sena li għaddiet. Matul is-sena ta' rappurtar, il-ħaddiema soċjali bbenefikaw minn servizzi ta' *support worker* mill-qasam tas-saħħa mentali tal-Fondazzjoni *Richmond.* Dan is-servizz jintalab meta jkollhom jittrattaw każi li jinvolvu vjolenza domestika u aspetti ta' saħħa mentali kif kien miftiehem meta twaqqaf il-fond fl-aħħar tas-sena l-oħra. Il-Kummissjoni żiedet l-ammont ta' sigħat għal dak oriġinal ta' mitt siegħa ta' konsultazzjoni b'dawk is-sigħat li intużaw matul l-2009. Dan l-arranġament se jkompli jkun immonitorjat u jiġi rivedut.

### 4.6.3 Kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija

Il-Kummissjoni ssuġġerit lill-Kummissarju tal-Pulizija li uffiċjal tal-pulizija b'taħriġ speċifikat f'dan il-qasam għandu jiġi stazzjonat f'kull distrett biex tirċievi rapporti dwar il-vjolenza domestika. Għal dan is-suġġeriment, il-Kummissarju tal-Pulizija informa lill-Kummissjoni li kull uffiċjal tal-pulizija qed jiġi mħarreġ biex ikun jista' jittratta każi relatati mal-vjolenza domestika u li dan it-taħriġ qed jingħata minn uffiċjali b'esperjenza fil-Korp tal-Pulizija. Il-Kummissjoni laqgħet b'sodisfazzjon l-aħbar li t-taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija kien qed jiġi estiż għal għoxrin siegħa ta' lekċers skont ir-regolamenti Ewropej tal-*European Police College* (CEPOL). Dan it-taħriġ mhux biss ser jingħata lir-rekluti ġodda iżda wkoll lill-uffiċjali tal-pulizija li huma diġa' fil-Korp.

Il-protezzjoni privata tal-pulizija ġiet milqugħa tajjeb mill-ħaddiema soċjali u n-nisa li jkunu ser jattendu għas-seduti tal-Qorti. Sa tmiem l-2009, dan is-servizz ta' protezzjoni privata tal-pulizija kien użat f'żewġ okkażjonijiet separati. Il-fond li twaqqaf bejn l-Aġenzija Appoġġ u l-Kummissjoni għandu jservi sabiex titħallas il-protezzjoni privata tal-pulizija fejn ikun il-bżonn u fejn metodi oħra ma jkunux addattati jew possibbli. Fl-aħħar tas-2009, dan il-fond kellu l-ammont miżjud bl-ammont li kien utilizzat matul l-2009. Dan is-servizz ser ikompli jkun immonitorjat u rivedut.

### 4.6.4 Kuntatt mal-*Jesuits Refugee Services*

Il-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mal-*Jesuits Refugee Services*(JRS) ippublikaw u ħarġu fuljetti f'diversi lingwi sabiex jingħataw lill-emigranti.

Dr Naudi kienet ukoll mistiedna mill-JRS biex tkun parti minn bord konsultattiv għall-proġett dwar vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, li l-JRS huma involuti flimkien ma' pajjiżi oħra Ewropej intitolat, "*Senperforto*".

# 5. Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u Proġetti Internazzjonali

## 5.1 Fond Soċjali Ewropew

### 5.1.1 FSE 3.43 *Dignity for Domestic Violence Survivors*

Il-proġett tal-Fond Soċjali Ewropew '*Dignity for Domestic Violence Survivors*'[10] taħt il-Programm Operattiv II tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, Assi Prijoritajri III - L-Għoti tar-Responsabbiltà lill-Persuni għal aktar Impjiegi u Kwalità ta' ħajja Aħjar, ġie mogħti lill-Kummissjoni bħala is-sieħba ewlenija bil-koperazzjoni ta' diversi organizzazzjonijiet oħrajn. Il-proġett beda f'Settembru 2009, bir-reklutaġġ ta' amministratur tal-proġett u baqa' għaddej minn hemm. L-għoti ta' dan il-proġett ippermetta lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha f'dan il-qasam. Il-proġett ser jibqa' sejjer sa Novembru 2011.

Il-proġett jinkludi:

• Studju dwar il-*Prevalence of Domestic Violence against Women in Malta and its Impact on the Employment Prospects of the Women*: Dan nbeda f'Ottubru 2009 u għandu jkun lest f'Awwissu 2010. Ir-riżultati ta' dan l-istudju, li huwa l-uniku studju tax-xorta tiegħu f'Malta, se jwassal għall-iżvilupp aħjar tal-politika u l-ippjanar u l-iżvilupp tas-servizzi fil-qasam;

• Żjara ta' Studju barra minn Malta għall-ħaddiema fil-qasam tal-vjolenza domestika: F'Ottubru 2009, din iż-żjara ta' studju saret billi disa' ħaddiema magħżula mid-*Domestic Violence Unit* (Aġenzija Appoġġ) u minn diversi xelters oħra, żaru xelter fir-Repubblika Ċeka. Din iż-żjara kienet produttiva għall-ħaddiema li setgħu jaraw metodi differenti kif jaħdmu u jitgħallmu minnhom;

• Żvilupp ta' *standards* għax-xelters sabiex ikunu f'posizzjoni li jipprovdu għall-inklużjoni ta' dawk in-nies li esperjenzaw il-vjolenza domestika fis-suq tax-xogħol: Dan qed issir fuq bażi regolari permezz tas-sottokumitat dwar l-Iżvilupp ta' Servizz. Dan se jkun indirizzat fit-taħriġ li ser issir fis-sajf tal-2010;

• Żvilupp ta' pjanijiet ta' koordinazzjoni li jinkludu it-tfassil ta' protokolli għas-setturi involuti fil-vjolenza domestika li jinkludu:

- pulizija
- entitajiet tal-gvern
- għal dawk li jipprovdu s-servizz tas-saħħa
- NGOs

10 Ara rapport tal-proġett FSE 3.43 f'Appendiċi Ħ

Dan se jsir permezz ta' laqgħat ta' taħriġ għall-professjonisti involuti f'dan il-qasam, li ser issir fis-sajf tal-2010.

• Kampanja Nazzjonali ta' tqajjim ta' kuxjenza permezz tal-Midja - Inħareġ tender għal din il-kampanja u ser jagħlaq f'April 2010. Il-kampanja hija ppjanata li tibda f'Ġunju 2010 u tibqa' sejra sa Novembru 2011.

Sfortunatament f'Diċembru 2009, l-amministratur tal-proġett irriżenja fuq bażi ta' raġunijiet ta' saħħa. Għalkemm f'dan il-perjodu ta' rappurtar, inħarġu żewġ sejħiet għas-sostituzzjoni tiegħu, l-proġett baqa' mingħajr amministratur. Dan ħoloq xogħol addizzjonali kemm għaċ-*Chairperson* u s-segretarja tal-Kummissjoni.

### 5.1.2 *Care Creates Change*

Il-Kummissjoni kienet avviċinata minn *WasteServ Malta Ltd* sabiex tkun waħda mis-sieħba tal-proġett intitolat "*Care Creates Change*" taħt il-Programm Operattiv II tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, Assi Prijoritajri III - L-Għoti tar-Responsabbiltà lill-Persuni għal aktar Impjiegi u Kwalità ta' ħajja Aħjar. Il-Kummissjoni ntalbet li tkun preżenti għat-tnedija uffiċjali tal-proġett li saret il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2009 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta. Dr Roberta Lepre' attendiet għat-tnedija tal-proġett bħala r-rappreżentanta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għaddiet ukoll informazzjoni ta' entitajiet u ta' ħaddiema soċjali li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika biex ikunu kkuntattjati biex jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-proġett. Il-Kummissjoni tgħaddi l-informazzjoni dwar dan il-proġett lil dawk li joffru servizz lill-persuni li jesperjenzaw il-vjolenza domestika.

### 5.1.3 *Economic Empowerment for Victims of Domestic Violence*

Il-Kummissjoni flimkien mal-*Victim Support Malta* bi sħab għamlu applikazzjoni oħra għall-proġett tal-FSE *'Economic Empowerment for Victims of Domestic Violence'* taħt il-Programm Operattiv II tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, - L-Għoti tar-Responsabbiltà lill-Persuni għal aktar Impjiegi u Kwalità ta' ħajja Aħjar. Sfortunatament, fondi għal dan il-proġett ma ngħatawx.

## 5.2 Il-Programm *DAPHNE III*, 2007-2013

### 5.2.1 Laqgħat tad-*DAPHNE*

Bħala r-rappreżentanta ta' Malta għall-programm *DAPHNE*, iċ-*Chairperson* attendiet laqgħa fit-30 ta' Settembru 2009 fi Brussell. Il-Programm *DAPHNE* jagħti fondi għall-proġetti li l-għan tagħhom

hu li jimpedixxu u jikkumbattu l-vjolenza kontra t-tfal, ż-żgħażagħ u n-nisa u li jipproteġi persuni li għaddejjin minn esperjenza ta' vjolenza u gruppi f'riskju. Il-laqgħa saret sabiex jiġu approvati l-proġetti li kienu magħżula għall-finanzjament. Bħal fil-laqgħat preċedenti tqajmet il-kwistjoni li Malta, minħabba d-daqs tagħha, qed tkun żvantaġġjata, kif ukoll in-nuqqas ta' aġenziji 'lokali' li jistgħu jkunu eliġibbli biex japplikaw għall-fondi taħt dan il-programm. Minħabba n-nuqqas ta' fondi ma sarux iżjed laqgħat u l-komunikazzjoni bejn ir-rappreżentanti tad-diversi Stati Membri kien permezz ta' posta elettronika.

### 5.2.2 Applikazzjoni ta' Malta

Il-Kummissjoni għal darb'oħra laqqgħet grupp ta' entitajiet interessati u eliġibbli li jaħdmu fil-qasam tal-Vjolenza Domestika biex flimkien jissottomettu applikazzjoni taħt il-programm *DAPHNE* III[11]. Wara diversi ostakli l-grupp irnexxielu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għall-fondi tal-programm *DAPHNE*, imma sfortunatament ma kienitx ta' suċċess.

## 5.3 Grundtvig 3

Kors ta' taħriġ tal-Grundtvig *'Acting on the Background for a higher Climbing Up of Women Survivors of Violence'* ġie organizzat f'Malta mit-Tlieta 5 ta' Mejju sas-Sibt 9 ta' Mejju, 2009. Wara negozjati bejn il-Kummissjoni u l-organizzaturi tal-kors, ġie garantit li sitt postijiet jintlew mill-ħaddiema Maltin li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika. Il-parteċipanti nominati li attendew is-sessjonijiet ta' taħriġ kienu ħaddiema li jaħdmu fix-xelters differenti f'Malta u mill-Aġenzija Appoġġ. Il-kors kien ta' interess għall-parteċipanti peress li ħarsu lejn diversi aspetti ta' vjolenza domestika. Filwaqt li ċerti suġġetti analizzati u diskussi matul it-taħriġ kienu diġà familjari għall-ħaddiema Maltin, kien hemm aspetti oħrajn li ġew indirizzati fis-seminar li kienu pjuttost ġodda u li ma kinux ġew indirizzati preċedentement.

Is-suġġetti li ġew indirizzati kienu jinkludu l-awturi ta' vjolenza domestika u l-effetti u s-sintomi ta' vjolenza domestika fuq it-tfal, kif ukoll metodi ta' abbuż, bħalma hi l-kriminalità organizzata, abbuż ppjanat, u l-mod kif jaħsbu l-awturi tal-vjolenza u kif jippjanaw bil-quddiem. Ta' interess kien kif wieħed iħares u jifhem il-vjolenza domestika mill-prespettiva tal-awtur tal-vjolenza domestika billi l-*modus operandi* tal-awtur tal-vjolenza domestika jkun il-*focal point* waqt is-seminar. Permezz ta' analiżi u qsim ta' esperjenzi personali, wieħed seta' jifhem il-proċess sħiħ ta' vjolenza domestika minn aspett tri-dimensjonali. L-enfasi ma kienx biss fuq il-vittma iżda wkoll fuq l-awtur tal-vjolenza domestika u terzi persuni, kemm jekk ikunu tfal, qraba jew professjonisti oħra involuti fil-każ. L-awturi ta' vjolenza domestika ġie esplorat u mhux biss fir-relazzjoni u l-effett fuq il-vittma iżda anki fil-parametri tal-kriminalità.

11 Għar-rapport tad-DAPHNE ara Appendiċi E

Il-ħaddiema Maltin ħassew li l-qsim ta' esperjenzi, politika u proċeduri relatati max-xogħol fis-settur vjolenza domestika ma' parteċipanti oħra minn pajjiżi oħra kienet utli.

L-aġenzija organizzattiva esprimiet sodisfazzjon bl-eżitu tas-sessjonijiet ta' taħriġ u esprimew interess fl-kollaborazzjoni futura mal-Kummissjoni.

## 5.4 Kunsill tal-Ewropa

### 5.4.1 Laqgħat tal-Kumitati dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda tal-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika

Dr Marceline Naudi kienet innominata bħala r-rappreżentanta ta' Malta sabiex tattendi l-laqgħat tal-Kumitat AD Hoc dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda tal-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (CAHVIO). Dan il-kumitat jiltaqa' regolarment sabiex jaħdem fuq it-tfassil ta' konvenzjoni bil-ħsieb li 'il quddiem din issir liġi fl-istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-laqgħat li saru matul il-perjodu in kwistjoni, jiġifieri f'April 2009, f'Mejju 2009, Diċembru 2009 u Frar 2010 kienu ġewwa Strasbourg.

### 5.4.2 Laqgħa mal-konsulent għall-Kunsill tal-Ewropa

Dr Marceline Naudi kellha laqgħa mas-Sur Nigel Warner, konsulent għall-Kunsill tal-Ewropa fejn ġew diskussi punti relatati mad-diskussjonijiet tal-CAHVIO fuq il-vjolencza domestika. Din il-laqgħa saret it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009.

## 5.5 Unjoni Ewropeja

### 5.5.1 Laqgħa mal-Assistenta dwar il-Politika tal-Viċi-President tal-Unjoni Ewropeja

Dr Marceline Naudi, *Chairperson* tal-Kummissjoni kellha laqgħa mas-Sinj Monica Westeren, l-Assistenta dwar il-Politika tal-Viċi-President tal-UE Margot Wallstroem. Din il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru 2009, kif kien mitlub mir-Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropeja f'Malta.

### 5.5.2 Konferenza dwar il-Miżuri u l-Istrateġiji sabiex tiġi Miġġielda l-Vjolenza tal-Irġiel kontra n-Nisa

Dr Marceline Naudi ħadet sehem f'Konferenza organizzata mill-Presidenza Svediza dwar il-Miżuri u

l-Istrateġiji sabiex tiġi Miġġielda l-Vjolenza mill-Irġiel kontra n-Nisa. Il-konferenza, li kienet organizzata għall-esperti, saret fi Stokholma nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2009. Rappreżentanti tal-istati membri kollha kienu preżenti għall-konferenza. Il-Kelliema li ħadu sehem kienu uffiċjali mill-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti.

### 5.5.3 Seminar dwar il-Vittmi

Dr Marceline Naudi kienet mistiedna sabiex tattendi seminar dwar il-Vittimi li sar f'Madrid nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2010, u li kien organizzat mill-Presidenza Spanjola. Is-seminar kien dwar vittmi ta' azzjonijiet terroristiċi u vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa kif ukoll vjolenza domestika. Kien sar suġġeriment li jitwaqqaf osservatur tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa, kif ukoll l-Ordni ta' Protezzjoni Ewopeja.

Fl-istess żmien kienet saret laqgħa għall-rappreżentanti tal-istati membri tal-Unjoni Ewropeja li huma parti mill-CAHVIO. L-għan ta' din il-laqgħa kien sabiex jintlaħaq qbil fuq pożizzjoni komuni għall-istati membri tal-UE fil-CAHVIO tal-Kunsill tal-Ewropa. Dan minħabba li qed tiġi mfassla konvenzjoni dwar il-vjolenza li ssir liġi fil-pajjiżi membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-konvenzjoni ser tkun tinkludi wkoll l-element ta' riċerka u ġbir ta' *data*.

### 5.5.4 Laqgħa msejħa mill-Ambaxxatriċi Spanjola

Fil-bidu tal-Presidenza Spanjola, iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni kienet mistiedna sabiex tattendi laqgħa msejħa mill-Ambaxxatriċi Spanjola li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar 2010. Din il-laqgħa saret sabiex jiġi spjegat l-impenn tal-Presidenza Spanjoli sabiex tippromovi l-ugwaljanza fost is-sessi. Bħala turija ta' dan l-impenn, l-Ambaxxatriċi qed tippjana li torganizza seminar dwar dan is-suġġett qabel ma tispiċċa l-presidenza. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti rappreżentanti mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, il-Kunisll Nazzjonali tan-Nisa, il-Konfederazzjoni Maltija għall-Organizzazzjonijiet tan-Nisa u Nisa Imprendituri. Ġie diskuss il-programm tas-seminar. Dr Naudi intalbet tagħti l-kontribut tagħha fuq il-vjolenza domestika. Il-komunikazzjoni dwar is-seminar qed tkompli.

### 5.5.5 2010 Is-Sena Ewropeja sabiex tiġġieled il-Faqar u l-Eskluzzjoni Soċjali

Is-sena 2010, ġiet immarkata mill-Unjoni Ewropeja bħala s-Sena Ewropeja sabiex tiġġieled il-Faqar u l-Eskluzzjoni Soċjali. Kull pajjiż membru ser jorganizza numru ta' attivitajiet permezz ta' fondi ewropej. L-individwi minn diversi setturi tas-soċjetà ġew mistiedna sabiex jkunu ambaxxaturi. Ir-rwol tagħhom hu li jkunu preżenti fid-diversi attivitajiet li ser jiġu organizzati matul is-sena. Dr Marceline Naudi, *Chairperson* tal-Kummissjoni kienet mistiedna sabiex tkun l-Ambaxxatur sabiex tippreżenta il-vittmi tal-vjolenza domestika. F'Malta, l-Erbgħa 03 ta' Frar 2010 ġiet inawgurata s-sena ta' kontra l-faqar fil-Mużew Arkeoloġiku fil-Belt Valletta. Kull ambaxxatur intalab jagħmel diskors qasir.

## 5.6 WAVE *Women against violence Europe*

WAVE hija netwerk ta' organizzazzjonijiet mhux governativi tan-nisa ewropej li jaħdmu fil-qasam sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal. Din il-ħolqa tippromovi u saħħaħ id-drittijiet umani tan-nisa u t-tfal in ġenerali kif ukoll tippreveni speċjalment il-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal. Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika aċċettat li tkun il-*focal point* tal-WAVE fuq il-websajt tal-organizzazzjoni.

Fil-ħdax il-Konferenza tal-WAVE *'Stop Violence Against Women and Children'* il-Kummissjoni kienet irrappreżentata minn Maria Attard. Il-konferenza saret fl-Università tat-Teknoloġija fi Vjenna bejn l-24 u s-26 ta' Settembru, 2009. Il-parteċipanti kienu mill-Ewropa, l-USA, il-Kanada, l-Asja u l-Awstralja. L-ewwel ġurnata tal-konferenza kienet tikkonsisti fit-tlett panels, kull wieħed jippreżenta aspett differenti mit-tema magħżula: l-Ewwel Panel *'International Measures to End Violence against Women'*; it-Tieni Panel *'Rights of Migrant and Refugee Women - Victims of Violence'*; it-Tielet Panel '*Violence Against Women and their Children'*. It-tieni ġurnata tal-konferenza kienet ikkarretizzata minn żewġ panels: wieħed li preżenta *'Policies and Legislation on Violence Against Women'* u ieħor dwar *'The Rights of Migrant and Refugee Women - Victims of Violence'*. Wara kien hemm *workshops* u sezzjoni plenarja sabiex jiġi rappurtat dak li ntqal u r-rakkomandazzjonijiet. Il-ġurnata ingħalqet billi fil-għaxija sar riċeviment fil-Rathhauskeller presedut minn Nicole Krotsch, Segretarja tal-*Women's Affairs* tal-Partit Soċjalista ta' Vjenna. It-tielet ġurnata tal-konferenza kienet tiffoka fuq Netwerking u kif tista' tkompli tikber sabiex tiġi iffurmata netwerk mad-dinja kollha. Sabiex jikkomplimentaw il-konferenza kien hemm żewġ programmi oħra: esebizzjoni dwar *'Silent Witnesses: Stories of women killed as a result of domestic violence'* u bazaar ta' materjal informattiv.

Matul din il-Konferenza saru wkoll kuntatti billi ġew mistiedna Rosa Logar u Marcella Pirone sabiex jattendu għall-konferenza annwali li kienet ser issir mill-Kummissjoni, f'Novembru 2009.

Il-Kummissjoni kienet ukoll infurmata mill-fondazzjoni tal-WAVE CoCo li kienu qed jitwaqqfu l-*focal points*. Malta kienet ser tifforma parti miz-zona li tinkludi l-Italja. Ġie miftiehem li s-Sinj Marcella Pirone mill-Italja kellha tkun il-*focal point* ta' din iz-zona.

## 5.7 Kwestjonarji

### 5.7.1 Kwestjonarju dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa min-Nazzjonijiet Uniti

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika kienet innominata bħala l-*focal point* għal-istruttura ta' *data* kompjuterizzata tan-Nazzjonijiet Uniti.

Is-Sur George Sultana, Direttur (UE u Relazzjonijiet Internazzjonali) għadda lill-Kummissjoni it-tweġiba tal-Gvern ta' Malta lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-istruttura ta' *data* kompjuterizzata koordinata dwar il-vjolenza kontra n-nisa. Din ġiet mimlija kif għandu jkun.

### 5.7.2 Kwestjonarju tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

F'Settembru 2005, il-Kumitat Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa adotta riżoluzzjoni dwar il-prevenzjoni tal-korrimenti (EUR/RC55/R9) u għalhekk jitlob aġġornamenti mingħand il-pajjiżi. Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir ta' *Data* iltaqa' f'laqgħa Ad Hoc sabiex jiġi diskuss il-kwestjonarju. Ingħataw risposti għal dawk id-domandi li kienu relevanti għall-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni ma' Dr T Firman Tilney li hija l-*focal point* tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa f'isem id-Dipartiment tas-Saħħa.

### 5.7.3 Kwestjonari tal-Kunsill tal-Ewropa

Il-kwestjonarju *Parlamenti magħquda fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika fuq in-nisa,* li jkompli fuq ir-Riżoluzzjoni 1582 (2007) imtela kif għandu jkun.

### 5.7.4 Kwestjonarju tal-*Euromed*

Is-Sinj. Amanda Catania, Uffiċjal dwar ir-Riċerka u UE/Affarijiet Internazzjonali fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza għaddiet lil-Kummissjoni il-*EUROMED 'Istambul Questionnaire'*, *Strengthening the Role of Women in Society.* Din ġiet mimlija kif għandu jkun.

### 5.7.5 Kwestjonarju tal-Pjan ta' Azzjoni tal-*Commonwealth* dwar l-Ugwaljanza tas-Sessi 2005-2015

Il-Kwestjonaru survey dwar il-*Mid Term Review* (MTR) dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-*Commonwealth* dwar l-Ugwaljanza tas-Sessi 2005-2015 (PoA) ġiet mogħddija lill-Kummissjoni mis-Sinj Amanda Catania, Uffiċjal dwar ir-Riċerka u UE/Affarijiet Internazzjonali fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Din ġiet mimlija kif għandu jkun.

### 5.7.6 Rapporti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja dwar mistoqsijiet soċjali

Iċ-*Chairperson* ġiet mistoqsija sabiex tagħti l-kummenti tagħha fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *'The Eradication of Violence Against Women in the European Union'* li ġew mfassla mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja dwar mistoqsijiet soċjali. Dawn ir-rapporti ġew mogħdija mis-Sur Vincent Cauchi, Assistent Direttur (UE u Affarijiet Internazzjonali). Il-kummenti u s-suġġerimenti ngħataw kif meħtieġ.

# 6. Riċerka u Statistika

Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u l-Ġbir ta' *Data*[12] baqa' jitlaqa' regolarment matul dan il-perjodu ta' rappurtar. Din is-sena, ix-xogħol kien ibbażat fuq żewġ binarji: l-ewwelnett kompliet tiffinalizza l-proposta tagħha għall-istudju ta' prevalenza sabiex id-dokument għall-offerta jkun jista' jinħareġ taħt il-proġett tal-FSE, li kien jindika eżattament dak li kien mitlub; u t-tieninett saru kuntatti mal-Kummissarju dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni fuq kif setgħet titwaqqaf l-istruttura li twassal għall-armonizzazzjoni ta' *data* permezz ta' informazzjoni miġbura mingħand l-aġenziji.

Il-ġbir ta' informazzjoni tal-istudju ta' prevalenza bħalissa qed jiġi finalizzat u r-rapport plenarju għandu jitlesta dalwaqt. L-istruttura sabiex tinġabar l-informazzjoni u l-armonizzazjoni ta' *data* jeħtieġ li jiġi mqabbad *focal point*, u għalhekk ser isir reklam fil-gazzetti lokali lejn l-aħħar ta' dan il-perjodu ta' rappurtar. Nisperaw li dalwaqt ikun hemm xi ħadd jokkupa dan il-post[13].

Il-Kummissjoni kienet ippublikat ukoll l-istudju li kienet ikkummissjonat f'Novembru 2009 dwar *'The General Public's Perception of Domestic Violence'.*

12 Ara rapport Ċ għar-rapport dwar is-Sottokomunitat dwar if-Riċerka u l-Ġbir ta' *Data*
13 Kopja ta' din il-pubblikazzjoni tinstab f'www.domesticviolence.gov.mt

# 7. Konklużjoni

Dan ir-rapport jikkonkludi l-ewwel sena tat-tieni terminu tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika li kienet mwaqqfa fit-2006. Il-Kummissjoni kienet ġiet mwaqqfa bħala riżultat tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Bħal ma jidher aktar ‘il fuq, f’din is-sena kien hemm attività kbira u fl-aħħar qed naraw ftit minn dak li ħlomna dwaru jittwettaq, kif ukoll naraw il-frott tal-isforzi tagħna. Fil-futur qrib, jiġifieri f’Awwissu 2010 ser ikollna r-riżultati tal-istudju ta’ prevalenza li ser jagħti stampa ċara tas-sitwazzjoni kif ukoll nipprovdu suġġerimenti lil dawk li jagħmlu l-liġi li tkun ibbażata fuq ir-riżultati ta’ riċerka. Fil-qrib ukoll jiġifieri f’Mejju 2010 ser ikollna *focal point* li ser jgħin sabiex tinġabar statistika reali ta’ dawk li jirrappurtaw l-abbuż. F’Lulju 2010 ser ikollna wkoll protokoli nfasslin ta’ kif jistgħu jaħdmu flimkien id-diversi entitajiet. Dawn ser jitressqu għal konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tad-diversi entitajiet. Il-ħaddiema li jaħdmu mal-vittmi u r-rappreżentanti ta’ dawk li għamlu użu mis-servizzi qed ikompli jfasslu l-istandards dwar is-servizzi. Kif ukoll il-kampanja tant mistennija dwar it-tkabbir ta’ konoxxenza ser tiġi mħabbar dalwaqt fis-sajf 2010. ħafna minn dan ix-xogħol twettaq permezz tal-impenn sħiħ li ngħata, u li għadu qed jingħata, biex isiru in-negozjati mal-awtoritajiet dwar il-fondi tal-FSE fuq il-proġett *‘Dignity for Domestic Violence Survivors’.*

Wara li niżżilt il-lista ta’ dak li ħlomna u li daqt issir realtà, bħal dejjem, għad hemm affarijiet li xtaqna nwetttqu iżda għadhom ma sarux. Għal darb’oħra wieħed mid-diżappunt personali tiegħi jibqa’ l-fatt li għalkemm kemm-il darba, f’diversi okkazzjonijiet, tqajjem il-punt tal-bżonn ta’ aktar riżorsi umani fil-qasam tal-vjolenza domestika, xorta baqa’ ma sar xejn. Il-kampanja nazzjonali ta’ pubbliċità waslet biex tibda fi ftit xhur oħra u din żgur ser twassal sabiex jiżdied in-numru ta’ nies li jitolbu l-għajnuna tal-aġenżiji tal-qasam soċjali. Iżda jibqa’ l-fatt li r-riżorsi għadhom ma żdiedux. Din hija nkwetanti ħafna minħabba li dan jista’ jwassal li jkollhom joħolqu lista ta’ stennija, li tkun ta’ detriment għal dawk in-nisa li qed ifittxu l-għajnuna. La darba l-mara sabet il-kuraġġ biex tmur u tfittex l-għajnuna, huma għandhom issibu din l-għajnuna, inkella jafu qatt ma jerġgħu jfittxu għajnuna... Dan żgur MA KIENX dak li konna qed naħdmu għalih f’dawn l-aħħar erba’ snin!

Għalhekk, għal darb’oħra ser nagħmel dan l-appell - tħallux ix-xogħol siewi kollu li għamilna jintilef! Agħtu lil dan il-qasam dawk ir-riżorsi li għandha bżonn sabiex jiġi offrut servizz diċenti lil dawk il-persuni kollha li jfittxu li jibdew futur aħjar, futur mingħajr abbuż, futur li huwa id-dritt fundamentali tagħhom.

F’idejkom!

# Appendiċi A

**Rapport Finanzjarju**
**Analiżi Statistika tal-Partita Nru 5477**
**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Sa u jinkludi il-31.12.09**

| | |
|---|---|
| **Baġit** | **€ 47,000.00** |
| **Dettalji** | **Ammont Imħallsa** |
| **Seminar** | **€ 5,879.16** |
| **Stampar tar-rapporti** | **€ 3,580.50** |
| **Onoraria 2008** | **€ 12,811.55** |
| **Overtime Segretarja** | **€ 1,127.04** |
| **Ipprintjar ta' leaflets b'kollaborazzjoni ma' *Jesuits Refugee Service*** | **€ 473.00** |
| **Spejjeż taż-żjara ta' studju bħala parti mill-proġett FSE u reklami** | **€ 11,233.42** |
| **Librerija** | **€ 287.40** |
| **Attrezzament tal-Uffiċċju** | **€ 448.41** |
| **Fondi b'kollaborazzjoni mal-FSWS għall-Protezzjoni Privata tal-Pulizija** | **€ 121.70** |
| **Żieda fil-Fond b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni *Richmond*** | **€ 35.83** |
| **Kontribuzzjoni tal-UNIFEM** | **€ 569.99** |
| **Kitba tal-applikazzjoni tal-programm *DAPHNE*** | **€ 826.00** |
| **Kitba tal-Proġett FSE b'kollaborazzjoni mal-*Victim Support Malta*** | **€ 413.00** |
| **Infiq ta' vjaġġar għall-Konferenzi** | **€ 2,359.76** |
| **Konferenzi f'Malta** | **€ 66.00** |
| ***Stationery*** | **€ 180.94** |
| **Infiq ta' vjaġġar ta' Membru** | **194.68** |
| **Varji** | **€ 366.20** |
| | **€ 40,974.58** |
| **Bilanċi li baqa'** | **€ 6,025.42** |

# Appendiċi B

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizzi**

**Rapport Annwali  Marzu 2009-Frar 2010**
Is-Sur Cornelius Mulvaney Dip.Family Therapy (UK); CQSW (UK)

Minn Marzu 2009 sa Frar 2010 is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz iltaqa' sitt darbiet fid-dati segwenti: 14 ta' April, 2009, 09 ta' Ġunju 2009, 10 ta' Settembru, 2009, 30 ta' Novembru, 2009 u 22 ta' Jannar, 2010.

Il-membri attwali tas-sottokumitat huma:
Dr Marceline Naudi (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) - *Chairperson*
Is-Sinj Christine Camilleri (Dar Tereza Spinelli)
Is-Sinj Doreen Camilleri (*Service Area Leader, DSV*, Aġenzija Appoġġ)
Is-Sur Ashley Cumbo (YMCA)
Is-Sinj Pamela Demicoli (Dar MerħbaBik)
Is-Sinj Sandra Falzon (*Ex-Servizz User*) (irriżenjat f'Jannar 2010)
Is-Sinj Pauline  Mercieca (Għabex, Aġenzija Appoġġ )
Is-Sur Cornelius Mulvaney (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Is-Sinj Stephanie Muscat (Dar Gużeppa Debono, Għawdex)
Is-Sur Peter Paul Portelli (Ċentru Ħidma Soċjali, Għawdex)
Is-Sinj Josette Stensen (Dar Qalb ta' Gesù) (kultant sostitwita mis-Sinj Caroline Caruana Azzopardi)
Is-Sinj Doris Vassallo (Segretarja)

Għandu jiġi nnotat b'sodisfazzjon li minkejja l-impenn tal-membri fix-xogħol tagħhom, dan is-Sottokumitat iltaqa' regolarment kull xahrejn, tant li ltaqgħu ħames darbiet matul is-sena  2009/10. Huma komplew jaħdmu fuq oqsma li kienu mibdija u oħrajn ġodda.

Dawn kienu jinkludu dan li ġej:

**1) Protezzjoni tal-pulizija għall-vittmi/ħaddiema soċjali li jattendu l-Qorti** - Il-fond għas-Servizzi ta' Protezzjoni Speċjali tal-Pulizija ġie mwaqqaf b'kollaborazzjoni mal-Agenżija Appoġġ, u li ġie mġedded għal sena oħra f'Diċembru 2009. ġie miftiehem li fil-każi fejn il-protezzjoni tal-pulizija għall-vittma kienet meħtieġa, l-ħaddiema soċjali kellhom jiddiskutu l-każi mad-*Domestic Violence Unit* u dawn tal-aħħar kellhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa. F'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil, il-każ għandu jiġi riferut liċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni.

**2) Appoġġ għall-ħaddiema li jagħtu għajnuna lil nisa li għandhom problemi ta' saħħa mentali** - Il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mal-Fondazzjoni *Richmond* għal mitt siegħa ta' appoġġ għall-ħaddiema soċjali li jagħtu għajnuna lil nisa li jkollhom każ ta' vjolenza domestika bi problemi ta' mard mentali. Dan is-servizz beda fl-01 ta' Frar 2009, u f'Diċembru 2009 ġie mġedded għal sena oħra.

**3) Taħriġ** - L-organizzazzjoni ta' korsijiet għall-ħaddiema soċjali li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika qed jgħin sabiex is-servizzi offruti u l-istandards tas-servizzi qegħdin dejjem jitjiebu. Dan qed jgħin ukoll lill ħaddiema oħra interessati f'dan il-qasam. F'Mejju 2009 ġie organizzat taħriġ permezz tal-programm Gruntdvig 3 dwar il-vjolenza domestika. Għal dan it-taħriġ, li sar f'Malta, il-Kummissjoni nnegozjat sitt postijiet mingħajr ħlas għall-ħaddiema soċjali li jaħdmu f'dan il-qasam.

It-taħriġ kien wieħed mill-oqsma ewlenija fil-laqgħat tas-sottokumitat minħabba li taħriġ kontinwu huwa l-mod kif jiżdied it-tagħrif, jippromwovi l-ħsieb u jissaħħu s-servizzi u l-istandards. Għalhekk permezz tal-membri tas-Sottokumitat, wara li ġew ikkonsultati l-membri tat-tims/aġenżiji rispettivi tagħhom, ġew identifikati l-oqsma fejn hemm bżonn it-taħriġ. Dawn kienu jinkludu: għodda għall-assessjar; l-aħjar standards ta' prattiċi fl-Vjolenza Domestika, preparazzjoni għall-professjonisti u klijenti li jidhru bħala xhieda fil-qorti u oħrajn.

**4) Politika** - Is-Sottokumitat kompla l-ħidma dwar l-armonizzazzjoni tal-istandards minimi rigward il-politika tax-Xelters. Dawn jinkludu dawk dwar: a) applikazzjoni u l-assessjar; b) il-konfidenzjalità; ċ) it-terminazzjoni u r-rifjut d) l-istandards u l-proċeduri. Ġie enfasizzat ukoll l-importanza li kemm l-istaff u r-residenti għandhom ikunu nformati tajjeb dwar tas-sinifikat tagħhom.

**5) *Housing*** - Is-Sottokumitat kompla jiddiskuti l-problema tad-Djar li n-nisa li għaddew minn esperjenza ta' vjolenza domestika jkollhom jiffaċċjaw meta inġustament jitilfu l-post tar-residenza tagħhom, jew meta jkollhom isibu akkomodazzjoni alternattiva wara li jkunu għaddew xi żmien f'xi Xelter. Il-prattika tajba u l-informazzjoni ġew diskussi għall-benefiċċju tal-ħaddiema u n-nisa.

Dan ix-xogħol kien jinkludi l-ġbir ta' informazzjoni relatata man-numru ta' nisa li qed iffittxu akkomodazzjoni alternattiva; in-numru ta' dawk li huma diġà rreġistrati mal-Awtorità tad-Djar u ż-żmien kemm ħadet biex ġiet ipproċessata l-applikazzjoni kif ukoll kemm damet biex ingħatat l-allokazzjoni ta' post ġdid, jekk hu il-każ. L-informazzjoni kienet tinkludi kemm nisa krew post u l-prezz li ntalbu. Din l-informazzjoni miġbura kellha tkun diskussa mal-Awtorità tad-Djar sabiex dan tal-aħħar jieħu l-azzjoni possibbli skont it-termini ta' politika li jirregolaw każi bħal dawn.

**6) Sigurtà Soċjali** - Fost l-oħrajn is-sottokumitat organizza laqgħa ma' wieħed mill-Assistenti Diretturi fid-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali biex jiddiskutu kwistjonijiet finanzjarji dwar in-nisa li kienu għaddew minn esperjenza ta' vjolenza domestika u li kienu qed jerġgħu jippruvaw jibnu ħajjithom mill-ġdid. L-informazzjoni miġbura f'din il-laqgħa kienet diskussa fi ħdan il-grupp u ċerti proċeduri komuni ġew imħadnin fis-sistema.

**7) Żjara ta' Studju** - L-għoti tal-proġett tal-FSE, *Dignity for Domestic Violence Survivors*, kien jinkludi fondi għaż-żjara ta' studju għal disa' ħaddiema fil-qasam tal-vjolenza domestika f'Malta. Permezz ta' din iż-żjara ta' studju, il-ħaddiema żaru Xelter għan-nisa u t-tfal fir-Repubblika Ċeka. Din saret f'Ottubru 2009.

Konklużjoni

Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi għall-Iżvilupp jixtieq jirringrazzja liċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, Marceline Naudi għall-ħeġġa bla waqfien biex tippromwovi politika li jsaħħaħ is-servizzi u l-istandards fil-ħidma li qed titwettaq man-nisa u għan-nisa li jesperjenzaw l-vjolenza domestika. Dan kien ta inkoraġġiment kbir biex dan il-kumitat jiltaqa' sabiex jinvestiga l-aspetti madwar din is-sitwazzjoni gravi u sabiex jiddiskuti kif ċerti livelli tax-xogħol jeħtieġ li jiġu msaħħa u mtejba sabiex jitnaqqsu safejn ikun possibbli l-uġigħ u t-tbatija severa tal-familji fejn tiddomina l-vjolenza domestika.

Il-membri tal-kumitat ħadmu ħafna biex il-ħsiebijiet tagħhom u l-ideat tagħhom jiġu mwettqa u l-isforzi tagħhom ġew ukoll ippremjati.

# Appendiċi Ċ

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u l-Ġbir ta'** *Data*

**Rapport Annwali Marzu 2009-Frar 2010**
Dr Albert Bell BA., BA (Hons.,), MA., Ph.D.

Sa minn meta twaqqaf f'Settembru 2007, is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir ta' *Data* kellu tliet prijorità ta' azzjoni speċifiċi - (a) r-replikazzjoni ta' studju li sar fl-2003 intitolat "*Domestic Violence against Women: Perceptions of the Maltese General Public"* li twettaq mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika(NSO), (b) l-impenn li jsir stħarriġ ta' prevalenza nazzjonali li jkun bħala punt ta' referenza li juri l-firxa u n-natura tal-vjolenza domestika f'Malta; u (ċ) it-twaqqif ta' infrastruttura għal ġbir tad-*data* li tippermetti l-armonizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni ta' sistema amministrattivi ta' *data* dwar il- vjolenza domestika.

Dawn l-azzjonijiet juru u jirriflettu ix-xogħol tas-Sottokumitat intenzjonat biex jgħin lill-Kummissjoni dwar il-vjolenza domestika tiżviluppa servizzi għal dawk li qed jgħaddu minn esperjenza ta' vjolenza domestika u politika għas-settur bbażata fuq l-evidenza. Huwa tabilħaqq b'sodisfazzjon li nirrapporta li relattivament ftit wara t-twaqqif tas-Sottokumitat sar progress qawwi f'dawn it-tliet azzjonijiet ta' prijorità, tant li nista' issa nirrapporta l-għeluq fir-rigward tar-replikazzjoni tal-istudju tal-NSO dwar l-attitudni tal-pubbliku Malti u l-perċezzjonijiet dwar vjolenza domestika. L-istħarriġ ta' prevalenza tal-vjolenza domestika wkoll kważi ingħalaq. Sar progress wkoll f'dan il-perjodu fir-rigward tat-twaqqif tal-istruttura tal-*focal point* għall-ġbir ta' data dwar il-vjolenza domestika. Dan kollu ma setax jintlaħaq mingħajr l-impenn, d-dedikazzjoni u d-dehen tat-tim trans-dixxiplinarju li jifforma dan is-Sottokumitat.

Minn Marzu 2009 sa Frar 2010 is-Sottokumitat kien kompost mill-membri li ġejjin:
Dr Albert Bell (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) - *Chairperson*
Dr Marceline Naudi (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Dr Maja Miljanic Brinkworth (MSOC) (irreżenjat f'Ottubru 2009)
Is-Sinj Joslyn Magro Cuschieri (NSO)
Spettur Trevor Sammut (Pulizija ta' Malta)
Is-Sinj Christine Agius Marchand (FSWS)
Is-Sur Joseph Deguara (IMU, MSOC)
Dr Jonathon Mamo (Diviżjoni tas-Saħħa, MSOC) (sostitwit minn Dr Audrey Vella)
Is-Sur Francis Xavier Mangion (Qrati tal-Ġustizzja, MJHA)
Is-Sinj Doris Vassallo (MSOC) - Segretarja

Matul il-perjodu msemmi, is-Sottokumitat iltaqa' tmien darbiet fil-bini tal-Kummissjoni f'Beltissebħ, il-Furjana fid-dati li ġejjin: 05 ta' Mejju, 2009; 09 ta' Ġunju, 2009; 08 ta' Lulju, 2009; 01 ta' Settembru 2009; 27 ta' Ottubru, 2009; 30 ta' Novembru, 2009; 12 ta' Jannar 2010 u 25 ta' Frar 2010. Kull laqgħa damet għal madwar sagħtejn. Dr Maya Miljanic Brinkworth (li kienet membru tas-Sottokumitat sa minn meta twaqqaf) irriżenjat mill-kompetenza tagħha bħala rappreżentanta tal-Ministeru għall-Politika Soċjali fis-Sottokumitat f'Ottubru 2009. Is-sostitut tagħha kien għadu pendenti sat-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar. Dr Jonathan Mamo ġie sostitwit minn Dr Audrey Galea bħala rappreżentant tad-Diviżjoni tas-Saħħa fis-Sottokumitat.

Kif kien irrappurtat fir-rapport annwali preċedenti tal-Kummissjoni, il-proċess tal-ġbir tad-*data* relatata mal-istudju dwar il-perċezzjonijiet dwar il-vjolenza domestika f'Malta kien tlesta mill-NSO f'Diċembru 2008. Matul il-perjodu ta' rappurtar, saru numru ta' laqgħat *ad hoc* bejn il-membri tas-Sottokumitat u l-parti kkummissjonata (NSO) sabiex jiġi żgurat li r-rappurtar jkun profond u miftiehem u li effettivament jiġu dokumentati l-għanijiet u l-objettivi tal-istudju, id-definizzjonijiet użati, il-metodoloġija tal-istħarriġ u l-proċedura tar-riċerka, il-limitazzjonijiet tal-istudju u l-konklużjonijiet (inklużi paraguni kkwalifikati mar-rapport tat-2003). Dan ir-rapport (li jinkludi sommarju eżekuttiv) ġie ppubblikat f'Novembru 2009 u mqassam lill-partijiet interessati u esperti fis-settur flimkien mar-rapport annwali tal-Kummissjoni 2008-2009 u mar-rapport dwar l-eżitu tal-konferenza annwali 2008. Ir-rapport kien xhieda tax-xejriet relatati tal-perċezzjonijiet tal-pubbliku ġenerali Malti dwar il-vjolenza domestika u pprovda bażi kruċjali ta' informazzjoni għall-Kummissjoni għall-pjan ta' azzjoni nazzjonali l-vjolenza domestika partikolarment fir-rigward ta' iżvilupp ta' kampanja nazzjonali preventiva bbażata fuq l-evidenza.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, kien ukoll reġistrat żvilupp qawwi fir-rigward tal-iżvilupp, il-kummissjoni u l-eżekuzzjoni ta' studju nazzjonali dwar il-prevalenza tal-vjolenza domestika kontra n-nisa f'Malta u l-impatt tagħha fuq il-prospetti ta' impjieg ta' vittmi ta' abbuż. Fondi tal-FSE (Fond Socjali Ewropew - ESF) kienu assigurati mill-Kummissjoni għal dan il-għan. Wara sejħa pubblika għall-offerti u sussegwentement wara eżerċizzju ta' evalwazzjoni, *M. Fsadni & Associations* ġew ikkummissjonati biex iwettqu l-istudju. L-istudju ta' prevalenza huwa bbażat fuq studju fis-settur tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). L-istrument ta' riċerka li intuża huwa l-istess tal-WHO għalkemm jinkludi emendi li saru b'konsultazzjoni mal-membri tas-sottokumitat biex seta' iktar jikwadra l-aspett tax-xogħol u d-dimensjonijiet soċjo-kulturali lokali oħra li jeħtieġu iktar speċifiċità.

Diversi laqgħat *ad hoc* u skambji bl-emejl saru mal-parti kkummissjonata sabiex issir traduzzjoni tal-Malti tal-istrument tar-riċerka. Dawn il-laqgħat kienu wkoll kruċjali biex jiġu solvuti kwistjonijiet ta' proċedura relatati mal-fażi ta' ġbir tad-*data* tal-istħarriġ (li kien jinkludi l-istrateġija ta' kampjun li kellu jiġi utilizzat), il-ħtiġiet ta' taħriġ u l-materjal għall-intervistaturi u biex jiġu identifikati l-għodda u l-forom għall-analiżi eventwali, il-preżentazzjoni u rappurtar ta' riżultati. L-eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni beda fil-11 ta' Frar, 2010 u huwa ppjanat li jitlesta sal-aħħar ta' Marzu 2010. Qabel beda

dan il-proċess sar eżerċizzju pilota (li għen biex issir verifika tal-validità u l-flessibilità tal-istrument ta' riċerka u biex tittieħed azzjoni korrettiva fejn meħtieġ). Ir-reklutaġġ tal-intervistaturi u t-taħriġ tal-intervistaturi saru qabel il-ġbir tad-*data*. Ir-rapport finali, li juri s-sejbiet tal-istħarriġ huwa mmirat għal nofs Awwissu 2010. Huwa mistenni li r-rapport jiġi ppubblikat u mqassam (suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi) fl-aħħar kwart tas-sena 2010. Dawn is-sejbiet għandhom ikunu essenzjali għal inizjattivi għall-iżvilupp ta' servizzi għal quddiem u għal kampanji ta' prevenzjoni. B'dan l-istudju l-pajjiż issa se jkun f'pożizzjoni li jkollu stampa aktar ċara u preċiża tal-problema tal-vjolenza domestika f'Malta. Wieħed ma jistax ma jenfasizzax il-bżonn li dan l-stħarriġ ta' prevalenza jibqa' jiġi rreplikat iktar il-quddiem biex ikollna stampa tal-problema fit-tul għall-benefiċċju ta' politika nazzjonali effettiva fis-settur.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, is-Sottokumitat ukoll kompla bl-isforzi għall-introduzzjoni ta' mekkanizmu ċentralizzat għall-ġbir u l-analiżi tad-*data* amministrattiva dwar il-vjolenza domestika . Filwaqt li bena fuq il-progress irreġistrat fis-snin preċedenti (partikolarment fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' għejjun ta' *data* eżistenti li jipprestaw ruħhom tajjeb għall-integrazzjoni), matul dan il-perijodu, sar aktar sforz biex jiġi żgurat li l-istruttura tal-*focal point għal-ġbir u analiżi tad-data relatata issir realtà.* Pass importanti f'din id-direzzjoni kien l-informazzjoni miġbura mill-laqgħat maċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar Droga, Alkoħol u Sustanzi Oħra (li kien stabbilixxa struttura simili fil-qasam vizzji fis-snin preċedenti) u l-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-*Data*. Din tal-aħħar kienet kruċjali biex jiġi dentifikat pjan ta' azzjoni meħtieġ biex jiżgura li l-istruttura tal-Kummissjoni tal-*focal point* tissodisfa l-obbligi meħtieġa legali u etiċi. Wara dawn il-laqgħat, termini ta' referenza għall-uffiċjal li se jkollu rwol ewlieni fit-twaqqif u l-immaniġjar tal-istruttura tal-*focal point* ġew żviluppati u mibgħuta lill-uffiċjali pertinenti tal-Ministeru għall-approvazzjoni tagħhom. Lejn tmiem ta' dan il-perjodu ta' rappurtar, saret sejħa għall-uffiċjal biex imexxi din l-istruttura. It-termini ta' referenza jesiġu li l-persuna impjegata irrid jkollha speċjalizzazzjoni *post-graduate* fil-qasam soċjali.

Il-prjorità tas-Sottokumitat għas-sena li jmiss għalhekk għandu jkun it-twaqqif ta' infrastruttura ta' ġbir ta' *data* dwar vjolenza domestika nazzjonali kif ukoll l-pubblikazzjoni u t-tqassim tar-rapport dwar l-istħarriġ ta' prevalenza li bħalissa qegħdin fil-fażi konklussivi tagħhom. Barra minn hekk, peress li s-Sottokumitat issa wasal lejn it-tmiem tal-proġetti li enfasizza fis-snin preċedenti, huwa wkoll opportun għas-Sottokumitat (taħt il-gwida tal-Kummissjoni) li jagħrbel u jasal għall-prijoritajiet ġodda li jirriflettu l-ħtiġijiet tar-riċerka fis-settur.

# Appendiċi D

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza**

**Rapport Annwali Marzu 2009-Frar 2010**

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika reġgħet laqqgħet is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza fil-31 ta' Awwissu 2009. Fit-termini ta' referenza tal-Kummissjoni hemm inkluż it-tkabbir ta' konoxxenza, għaldaqstant dan ġie nkluż fil-proġett '*Dignity for Domestic Violence Survivors*' li hu finanzjat mill-Unjoni Ewropeja mill-Fond Soċjali Ewropew. Il-proġett jinkludi fih attivitajiet relatati mat-tkabbir ta' konoxxenza u li se tiġi enfasiżżata l-konnessjoni bejn il-vjolenza domestika u n-nisa li mhumiex impjegati bi qliegħ. L-attivitajiet se jkunu immirat lejn il-pubbliku ġenerali kif ukoll lejn il-professjonisti identifikati għall-proġett, inklużi nies li jħaddmu. Dan sar bl-iskop li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn dawk kollha kkonċernati. Dan għandu jwassal ukoll sabiex jippromwovi tolleranza żero għall-vjolenza domestika fost il-poplu Malti.

Il-membri tas-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza jinkludi lil:
Dr Roberta Lepre', (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) - *Chairperson*
Sr Joan Garner, (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Dr Marceline Naudi, (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Mr Kurt Guillaumier, (MSOC)
Ms Marianne Gauci, (FSWS)
Mr.Lawrence Zammit (Segretarju/Amministrattur tal-Proġett FSE)

Is-Sottokumitat iltaqa' tliet darbiet fil-31 ta' Awwissu 2009, fit-12 ta' Ottubru 2009 u fid-09 ta' Novembru 2009 u matul dawn il-laqgħat ġie diskuss il-kontenut tat-tender għall-kampanja ta' pubbliċità. Diversi attivitajiet ġew suġġeriti u maħsuba biex jilħqu l-etajiet kollha u kull klassi tas-soċjetà. Sabiex jiġi evitat żieda kbira ta' każi fuq dawk li jipprovdu s-servizz, l-attivitajiet se jkunu mqassma matul il-perjodu kollu tal-kampanja. Dawn se jinkludu fost l-oħrajn:

- *Billboards*
- *Roadblock adverts*
- *Bus shelters*
- Logħba futbol
- Parteċipazzjoni fi programmi tar-radju u dawk televiżivi, kif ukoll reklami qosra
- Artikli fuq rivisti u gazzetti
- Kommunikazzjoni *on-line*

Il-Sottokumitat issuġġerixxa wkoll li espert dwar il-vjolenza domestika jkun inkluż fit-tim ta' dawk li jipprezentaw l-offerti sabiex dan ikun jista' jgħin lill-kuntrattur fit-tħejjija tar-reklami jew artikli għall-kampanja. Dan l-espert ikun ukoll dak li jipparteċipa fil-programmi tal-midja.

# Appendiċi E

**Rapport 2009/10 dwar il-Grupp *Daphne* msejjaħ mill-Kummissjoni dwar il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domedstika**

Dr Marceline Naudi Ph.D.(Manchester), M.A.(Bradford), B.A.
*Convenor*

Il-Grupp *Daphne* ltaqa' xi darbtejn matul il-perjodu ta' rappurtar sabiex jispiċċaw d-dokument tal-proġett '*Breaking the Cycle: Dealing with the effects of domestic violence*' li ġie preżentat f'April 2009. Il-grupp imbagħad reġa' ltaqa' għall-laqgħa finali sabiex issir evalwazzjoni tal-proġett u nitgħallmu minn din l-esperjenza.

Il-membri tal-Grupp *Daphne* kienu:

Dr Marceline Naudi (Chairperson)
Is-Sinj Doris Vassallo (Segretarja)
Is-Sinj Charlotte Busuttil, FSWS
Is-Sinj Jessica Pace, FSWS
Is-Sinj Reneè Laiviera, MCWO
Is-Sinj Lydia Sciberras, MCWO
Is-Sur Mark Briffa, Fondazzjoni Suret il-Bniedem
Sr Rosalinda Seychell, Dar Merħbabik

Is-sieħba fil-proġett kienu:

**Sieħba Assoċjati**
Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika (MT)
Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali (MT)

**Sieħba**
Dar MerħbaBik (MT)
Konfederazzjoni Maltija tal-Organizzazzjonijiet tan-Nisa (MT)
*Služby Dobrého Pastýře - Servizzi Good Shepherd (CZ)*
*Women's Aid (UK)*
*Kinderrechtenhuis vzw (Belġju)*

**Sieħeb Ewlieni**
Fondazzjoni Suret il-Bniedem (MT)

Diversi gruppi tas-soċjetà li kienu jinkludu t-tfal żgħar u l-adolexxenti; dawk li jagħmlu użu mis-servizz tas-saħħa mentali; u l-individwi b'diżabilità ġew iddentifikati sabiex jiġu nklużi fil-proġett.

Il-proġett li ġie preżentat kien jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:
- Żjarat ta' studju
- Konferenza *train the trainer*
- Konferenza finali
- Tixrid ta' informazzjoni tal-gruppi ta' ħidma
- Żvilupp ta' websajt
- Żvilupp ta' pakkett ta' taħriġ

Il-proġett kien rilevanti għall-qasam ta' prijorità Daphne III '**Vjolenza mwettqa kontra kategoriji partikolarment vulnerabbli tan-nisa, taż-żgħażagħ u tat-tfal**' u kien ppjanat li jipprovdi lill-professjonisti bit-taħriġ li hu meħtieġ biex jingħataw l-konoxxenza speċjalizzata sabiex ikunu f'pożizzjoni aħjar biex joffru s-servizzi lill-klijenti tagħhom. B'dan it-taħriġ il-professjonisti jkunu jistgħu jgħinu b'mod partikolari lil nies li jkunu aktar vulnerabbli minħabba xi diżabilità, u/jew li jsofru minn mard mentali kif ukoll persuni li għaddew minn esperjenza ta' vjolenza domestika.

Fl-aħħar laqgħa li saret ġie rikonoxxut u apprezzat il-kontribut ta' ċerti membri. Kien miftiehem li jekk 'il quddiem jkun hemm xi ħsieb sabiex l-entitajiet jingħaqdu sabiex jippreżentaw xi proġett ieħor, għandu jkun hemm aktar impenn u parteċipazzjoni mill-membri kollha, u mhux l-impenn issir mill-ftit.

Sfortunatament l-applikazzjoni għall-proġett ma kinitx b'suċċess.

# Appendiċi F

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
***An Integrated Approach towards Domestic Violence - 2009***

**Rapport tas-Seminar**
Dr Marceline Naudi Ph.D.(Manchester), M.A.(Bradford), B.A.
Is-Sinj Maria Attard M.A.T.C.

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, fl-20 ta' Novembru 2009, organizzat seminar ta' ġurnata intitolat '*An Integrated Approach towards Domestic Violence'* biex tfakkar l-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa. Is-seminar sar fil-*Grand Hotel Excelsior*, il-Furjana. Persuni minn organizzazzjonijiet differenti li huma nvoluti direttament u indirettament fil-qasam tal-Vjolenza Domestika pparteċipaw fis-seminar, li kienu jinkludu l-ħaddiema soċjali, il-pulizija, l-avukati u l-maġistrati.

Dr Marceline Naudi, bħala *Chairperson* tal-Kummissjoni u tas-Seminar, għamlet l-indirizz tal-ftuħ. Id-diskors tal-ftuħ enfasizza l-importanza ta' ħidma flimkien sabiex jiġi provdut servizz aħjar lil nies li qed joħorġu jew li jgħixu esperjenza ta' vjolenza domestika.

Bħala introduzzjoni għas-suġġett intwera film qasir *'Defending our Lives'*, li kien jinkludi xi episodji grafiċi dwar inċidenti ta' vjolenza domestika. L-għan ta' dan il-filmat kien li l-parteċipanti jsiru konxji tal-gravità tal-vjolenza domestika u l-importanza ta' għajnuna ikkoordinat mis-servizzi kkonċernati.

Dan kien segwit mill-ewwel kelliema ewlenija Mag.a Maria Rösslhumer mill-WAVE, mill-Awstrija li tkellmet dwar '*Bridging Gaps - multiagency cooperation in tackling violence against women and their children*'. Mag.a Rösslhumer kienet mistiedna f'Malta biex titkellem fis-seminar mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Hija qasmet l-esperjenza Awstrijaka dwar kif tiġi kkordinata l-għajnuna f'każ ta' vjolenza domestika minn dawk li joffru s-servizzi. Dan kien segwit minn mistoqsijiet mill-parteċipanti.

Wara waqfa qasira għall-kafè, saret it-tieni preżentazzjoni: *'Murder Prevention in Domestic Violence'*. Din il-preżentazzjoni saret mid-*Detective Sergeant* Sharon Stratton u *A/Detective Inspector* Anthea Richards mill-Pulizija Metropolitana ta' Londra. *Detective Sergeant* Stratton u *A/Detective Inspector* Richards li kienu wkoll mistiedna mill-Kummissjoni biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom ta' xogħol b'mod ikkoordinat bejn il-professjonisti u l-aġenziji oħrajn dwar każ ta' vjolenza domestika. It-titolu użat jirrifletti wieħed mill-messaġġi ewlenin tal-preżentazzjoni tagħhom, jiġifieri, li jekk l-intervent tal-aġenziji jsir fil-ħin, il-każi tal-vjolenza domestika ma jispiċċawx f'omiċidji. Huma enfasizzaw l-importanza ta' taħriġ sabiex jagħrfu s-sinjali ta' vjolenza meta jiġu msejħa f'każ ta' inċident. Huma ppreżentaw lista ta' kontroll biex jgħinu uffiċjali tal-pulizija fl-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. Dan kien għal darb'oħra segwit minn mistoqsijiet mill-parteċipanti.

Iż-żewġ preżentazzjonijiet ewlenin qanqlu diskussjoni interessanti fost il-parteċipanti, li mbagħad din id-diskussjoni tkompliet fil-gruppi ta' ħidma li saru wara nofsinhar. Il-gruppi ta' ħidma kienu bbażati fuq studju ta' każ ta' vjolenza domestika u d-diskussjoni kienet dwar kif għandhom jkunu/jiġu trattati każi bħal dawn. Kien żgurat li d-diversi professjonisti preżenti fl-seminar kienu rappreżentati fil-gruppi kollha biex jinkoraġġixxu ħidma kkordinata bejn l-aġenziji. Dan kien segwit minn plenarja fejn ingħataw ir-reazzjonijiet tad-diversi gruppi.

L-Onorevoli Ministru Carmelo Bonnici Mifsud, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel id-diskors tiegħu wara l-plenarja, filwaqt li Onorevoli Ministru John Dalli, Ministru għall-Politika Soċjali għamel id-diskors tal-għeluq.

# Appendiċi Ġ

***Task Force* sabiex jitwaqqaf Tim ta' Rispons dwar Attakk Sesswali (SART)**
Is-Sinj Joyce D'Amato BA (Hons) Youth and Communication Studies
Insp Louise Calleja Dip in Mngt. Studies, MBA (Grenoble)
Dr Marceline Naudi Ph.D.(Manchester), M.A.(Bradford), B.A.

Fil-5 ta' Mejju 2009 il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, taħt il-patroċinju tal-Ministeru tal-Politika Soċjali (illum Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u Familja), laqqa' grupp ta' professjonisti fil-qasam rispettiv tagħhom (task group), sabiex jissuġġerixxu lill-awtoritajiet konċernati, mekkaniżmu għat-titjieb fis-sistemi ta' kif wieħed għandu jaġġixxi ma' dawk il-vittmi li jgħaddu minn xi esperjenza ta' abbuż sesswali (attakk sesswali).

Il-laqgħat saru fil-5 ta' Mejju 2009, fid-29 ta' Mejju, 2009, fis-26 ta' Ġunju 2009, fit-22 ta' Lulju, 2009, fl-01 ta' Settembru 2009, fil-15 ta' Settembru, 2009, fit-28 ta' Jannar 2010 u fid-09 ta' Frar 2010.

Il-membri tat-*task group* kienu kif ġej:

Spettur Louise Calleja (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) - *Chairperson*
Dr Marceline Naudi (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Is-Sinj Anne Cachia (MSOC) (rriżenjat f'Lulju 2009)
Is-Sinj Joyce D'Amato (MJHA)
Dr Raymond Galea (Ġinekologu)
Is-Sinj Maryanne Gauci (FSWS)
Is-Sinj Renee' Laiviera (MCWO)
Dr Roberta Lepre' (*Victim Support Malta*)
Is-Sinj Antoinette Martin (*Pyschologist*)
Is-Sinj Doris Vassallo (Segretarja)

Bis-saħħa tal-moviment ta' kriżi ta' stupru li nħoloq u ġie fis-seħħ fl-1970, diversi persuni kienu ngħaqdu flimkien sabiex itemmu l-vjolenza sesswali u sabiex jiġu pprovduti servizzi komprensivi u ta' kwalità għal dawk li għaddew minn attakki (abbuż) sesswali. Bħal bqija tad-dinja, Malta m'hijiex iżolata minn din il-problema u għalhekk il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, fir-rwol tagħha li tagħti pariri lill-Ministru kkonċernat dwar l-aspetti kollha tal-problema tal-vjolenza domestika, enfasiżżat li dan il-fenomenu jeħtieġ li jkun esponut u ndirizzat b'mod konkret u professjonali. Il-Kummissjoni qajmet it-tħassib addizzjonali tagħha li l-vittmi ta' attakk (abbuż) sesswali huma ta' spiss skoraġġuti milli jfittxu l-għajnuna, possibilment minħabba t-tifrik ta' servizzi offruti kif ukoll minħabba l-possibbilta' ta' trawmatiżżar u vittimizzazzjoni mis-sistema, bir-riżultat ta' nuqqas ta' kuraġġ min-naħa tal-vittmi li jfittxu trattament ulterjuri u skont il-drittijiet legali rilevanti.

Professjonisti mill-Ministeru għas-Saħħa u mill-Isptar Mater Dei, kif ukoll professjonisti oħra mill-Aġenzija Appoġġ, il-Pulizija, *Victim Support Malta*, il-Kunsill Malti għall-Organizzazzjonijiet tan-Nisa u l-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern (ara l-lista ta' membri hawn fuq) qed jaħdmu flimkien sabiex isibu mezz kif bl-iktar mod effiċjenti jiġu provduti servizzi speċjalizzati għall-vittmi ta' dawn l-offiżi ta' natura sesswali u vittmi ta' vjolenza bbażata fuq is-sess tagħhom fosthom: *date rape*, stupru minn persuni mhux magħrufa, attakki sesswali u l-abbużi sesswali minn sieħeb/sieħba magħrufa.

L-impenn prinċipali ta' dan it-*Task Group* huwa li jippreżenta proposti/pjan strateġiku sabiex jiġi koordinat pakkett ta' servizz effiċjenti u olistiku li jittratta ma' dawn is-sitwazzjonijiet ta' natura tant sensittiva. Dan il-pakkett għandu jinkludi s-servizzi relatati mas-saħħa, infurzar tal-liġi, prosekuzzjoni ta' dawn il-każi u promozzjoni/appoġġ għall-vittma. Għal dan il-għan, ġie msejjaħ pjan li jġib flimkien entitajiet pubbliċi u privati, u l-assoċjazzjonijiet mhux governattivi sabiex jipprovdu servizzi bżonnjużi u immedjati lil persuni li għaddew minn attakk sesswali. Dan għandu jsir bi ħsieb li jiġi evitat duplikazzjoni ta' riżorsi, liema riżorsi huma diġà limitati ħafna f'dawn l-oqsma.

Il-proposta li ser tiġi ippreżentata hija għal ħolqien ta' tim ta' rispons (r*esponse team*) għal każi ta' abbużi sesswali li jinkludi infermiera forensika, ġinekologu, psikologu, spettur tal-pulizija, ħaddiema soċjali u persuna mill-*Victim Support Malta* li jkunu *on-call*. Meta persuna li tkun għaddiet minn esperjenza ta' attakk (abbuż) sesswali u tippreżenta ruħha l-isptar, l-vittma għandha tingħata attenzjoni medika immedjata mill-infermiera forensika f'kamra apposta fl-Isptar Mater Dei. Dan il-proċess issir sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-każ in kwistjoni, u jiġi nfurmat s-SART (tim ta' rispons dwar attakk sesswali). Il-membri tas-SART *on-call* jirrispondi fil-pront għas-sejħa mill-isptar sabiex jipprovdu eżamijiet mediċi u forensiċi, kif ukoll jipprovdu intervent fil-pront għal promozzjoni/appoġġ lill-vittma. Ser ikun suġġerit ukoll li jiġi provdut appoġġ kontinwu u fit-tul minn persuni tal-*Victim Support Malta*.

Il-fatt li persuna tkun soffriet attakk sesswali huwa biżżejjed sabiex wieħed ġustament jingħata għajnuna b'mod olistiku u professjonali. Bis-saħħa t'hekk tiġi mgħejjuna tintemm il-mistħija ta' ħafna nies li jgħaddu minn din it-tip ta' aggressjoni. It-tisħiħ soċjali u l-leġitimizazzjoni tal-esperjenza trawmatika jista' jgħin biex tittrasforma l-attakk fiżiku minn esperjenza ta' biża u mistħija, għal waħda ta' kuraġġ u forza. Dan ma jfissirx li attakk sesswali hija esperjenza pożittiva għal kwalunkwe bniedem, iżda li huwa possibbli li taqbeż il-limiti tal-vittimizzazzjoni u l-konsegwenzi ta' ħsara.

Il-pjan strateġiku ser ikun kważi kompluta sal-aħħar tal-perjodu ta' rappurtar u huwa ppjanat li se tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet qabel il-bidu tas-sajf.

# Appendiċi Ħ

**Rapport dwar il-proġett 3.43 tal-Fond Soċjali Ewropew *Dignity for Domestic Violence Survivors***

Dr Marceline Naudi Ph.D.(Manchester), M.A.(Bradford), B.A.
*Project Leader*

Wara diversi kuntatti mad-Dipartiment tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-*grant agreement*, fl-aħħar, il-proġett *'Dignity for Domestic Violence Survivors'* inbeda f'Awwissu 2009, u dan billi ġie reklutat il-amministrattur tal-proġett.

L-ewwel attività tal-proġett li saret kienet iż-żjara ta' studju għal disa' ħaddiema mill-qasam tal-vjolenza domestika. L-għan ta' din iż-żjara ta' studju kien sabiex il-ħaddiema jitgħallmu kif f'pajjiżi Ewropej, xelters għall-vittmi ta' vjolenza domestika jgħinu lir-residenti tagħhom. Huma tgħallmu wkoll kif jippromovu l-inklużjoni soċjali permezz ta' impjieg u *self-employed*, li jista' jinkludi t-twaqqif ta' kooperattivi fl-operat tagħhom. Iż-żjara ta' studju saret fir-Repubblika Ċeka bil-kooperazzjoni tas-sieħeb barrani tal-proġett. Iż-żjara ta' studju kienet organizzata mill-Kummissjoni bil-kollaborazzjoni tar-rappreżentant tas-Sorijiet tal-Bon Pastur li hija responabbli tax-Xelter fir-Repubblika Ċeka. Meta rittornaw lura, il-parteċipanti li attendew kienu sodisfatti miż-żjara. Din iż-żjara ta' studju għenithom jitgħallmu mill-inizjattivi li l-ħaddiema jieħdu għar-residenti fix-Xelters sabiex ikunu jistgħu jintegraw fis-soċjetà.

Attività oħra tal-proġett huwa l-istudju ta' prevalenza dwar il-vjolenza domestika f'Malta. Bħalissa, l-uniku statistika li teżisti hija dik ta' dawk in-nies li jmorru jirrappurtaw inċidenti ta' vjolenza domestika jew lill-pulizija jew lill-Aġenzija Appoġġ. Ma nafu xejn dwar dawk li ma jirrappurtawx. Għalhekk dan l-istudju ser jagħti indikazzjoni attwali tal-prevalenza dwar il-vjolenza domestika kif ukoll dwar l-eżistenza jew inkella dwar dik li tista' tkun il-konnessjoni bejn il-vjolenza domestika u n-nisa li mhumiex impjegati bi qliegħ. Wara sejħa għall-offerti, l-istudju ngħata lil *M Fsadni & Associates*. Saru diversi laqgħat u kommunikazzjoni permezz tal-emajls sabiex jiġi finalizzat il-mod kif ser tinġabar l-informazzjoni u l-metodoloġija, kif ukoll it-taħriġ li ried jingħata lil dawk li kienu ser jagħmlu l-intervisti. Id-*data* issa kollha nġabret u l-ewwel rapport ġie preżentat fl-aħħar ta' Frar 2010 kif kien miftiehem fil-kuntratt tat-tender. Ir-riżultati tal-istudju ta' prevalenza għandhom jiġu preżentati lill-Kummissjoni sa Awwissu 2010. Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u l-Ġbir ta' *Data* ħadem fuq din l-attività.

L-akbar parti tal-proġett hija l-kampanja ta' tkabbir ta' konoxxenza permezz tal-midja, u li t-tender għalija kien ippublikat fi Frar 2010. L-offerta kella tagħlaq f'April. Il-kampanja hija ppjanata li tibda fis-sajf tal-2010 u tispiċċa f'Novembru 2011. Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza

ħadem fuq din il-parti tal-proġett. Il-kampanja ta' tkabbir ta' konoxxenza permezz tal-midja ser tiffoka fuq il-vjolenza domestika u l-importanza li l-vittmi tal-vjolenza domestika jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol. Il-messaġġ li ser jingħata lil dawk li jwettqu l-vjolenza kif ukoll lill-pubbliku in ġenerali ser ikun li l-vjolenza domestika ma tistax tiġi aċċettata.

Parti oħra tal-proġett huwa t-taħriġ għad-diversi professjonisti li jkollhom kuntatt mal-qasam tal-vjolenza domestika. Dawn jinkludu l-professjonisti legali, l-professjonisti fis-settur tas-saħħa, l-professjonisti edukattivi, l-ħaddiema soċjali u lill-konsulenti dwar l-impjiegi. It-taħriġ ser jiffoka fuq żewġ elementi prinċipali: li titkabbar is-sensitività dwar l-aspett tal-vjolenza domestika; u informazzjoni dwar kif jista' jinstab xogħol għal dawk li jkunu ssuperaw problemi ta' vjolenza domestika. L-aħħar sezzjoni ser tkun dwar it-tfassil ta' protokolli sabiex jigwidaw il-ħidma bejn il-professjonisti fil-qasam tal-vjolenza domestika. It-taħriġ hu ppjanat li jsir f'Lulju 2010.

Sfortunatament l-amministratur tal-proġett irriżenja fl-aħħar ta' Jannar minħabba raġunijiet ta' saħħa. Sa tmien dan il-perjodu ta' rappurtar, kien għadu ma nstab ħadd minfloku, minħabba diversi kjarifiki li ntalbu min-naħa tal-*Line Ministry*.

Għalkemm qed isiru diversi attivitajiet mill-proġett, il-*Grant Agreement* għadu ma ġiex iffirmat.